**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 455/2017

**Il-Pulizija**
**Spettur Trevor Micallef**
**Spettur Carol Fabri**

**Vs**

**Fatih Pancar**

Illum, 6 ta' Novembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Fatih Pancar detentur tal-karta ta' l-identita' numru 64310(L) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

Talli f'dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Mejju, 2015, għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (3:30pm) fi Triq Sant'Andrija, Swieqi, u/jew fil-vicinanzi waqt li kien qed jagħmel użu min vettura b'numru ta' reġistrazzjoni ALI 519 tal-għamla Peugeot:

1. B'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna l-mewt ta' Rodwan Aghil, tifel ta' għaxar snin u dan ai termini talartikolu 225 tal-Kap 9.

2. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ALI 519 tal-għamla Peugeot b'mod (a) perikoluż, (b) traskurat, u (ċ) bla kont u dan ai termini tal-artikolu 15 (1)(a), (2)(3) Kap 65;

3. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ALI 519 tal-għamla Peugeot b'sewqan eċċessiv u dan ai termini tal-artikolu 127 ta' L.S. 65.11.

Il-Prosekuzzjoni talbet li sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi tordna l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan għal dak il-perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhirilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Ottubru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 225(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(2)(3) tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolament 127 tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11; A.L. 128/1994), issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-tnejn u tlettin (32) xahar priġunerija.

Inoltre` tiskawlifikah minn kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' erba (4) snin. Ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta tordna il-konfiska tal-vettura tal-għamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni ALI 519, favur il-Gvern ta' Malta.

Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputat jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €3,084.57.

Rat ir-rikors tal-appellanti Fatih Pancar minnu pprezentat fid-9 ta' Novembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha *tirrevoka* s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dottor D. Frendo Dimech tal-31 ta'

Ottubru 2017 in kwantu sabitu hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih u kundannatu ghal tnejn u tletin (32) xahar prigunerija, sospensjoni tal-licenzja ghal zmien erba' (4) snin u konfiska tal-vettura u konsegwentament *tilliberah* minn kull piena u htija skond il-ligi u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi imposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

i. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kelliex issib htija ta' l-ewwel akkuza stante li l-incident kien ikkawzat unikament minhabba negligenza da parti ta' Rodwan Aghil;

ii. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kelliex issib htija tat-tieni akkuza stante li ma jirrizultax li l-esponenti kien saq b'mod perikoluz, traskurat jew bla kont;

iii. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kelliex issib htija tat-tielet akkuza stante li ma giex sodisfacentement determinat sewqan eccessiv;

iv. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, fi kwalunkwe kaz il-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti hi sproporzjonata u esagerata meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**<u>L-Ewwel Aggravju – Dwar il-Qtil Involontarju</u>**

2. Illi l-ewwel akkuza dedotta fil-konfront ta' l-esponenti kienet li '*B'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna l-mewt ta' Rodwan Aghil*'.

3. Illi sabiex sabet htija, l-Ewwel Onorabbli Qorti l-ewwel ghamlet analizi tal-gurisprudenza nostrana dwar il-qtil involontarju, partikolarment meta dan huwa rizultat ta' incident stradali. Wara li ghamlet l-analizi taghha, l-Ewwel Onorabbli Qorti pprocediet billi enuncjat il-konkluzjonijiet taghha dwar il-fatti. Abbazi ta' din l-interpretazzjoni l-Ewwel Qorti dikjarat htija fil-konfront ta' l-esponenti.

4. Illi wiehed mill-punti krucjali tal-kaz hija x'kienet il-velocità li biha l-esponenti kien qieghed isuq il-vettura fil-mument ta' l-incident. Dwar il-velocità xehdu diversi persuni:

i. John Davies stqarr li l-esponenti kien qabez (*overtake*) il-karozza tieghu meta hu kien qieghed isuq madwar erbghin jew hamsin kilometri fis-siegha (40 – 50 kph). Dan ix-xhud ma ta ebda stima ta' x'kienet il-velocità ta' l-esponenti, kull ma jghid kien li kien qieghed isuq b'velocità ikbar u li l-*overtaking* sehh mad-dawra fejn kienet il-*Forum Hotel* (illum *Greens Supermarket*).

ii. Jessica Davies stqarret li zewgha John Davis kien qieghed isuq madwar b'rata ta' madwar erbghin kilometri fis-siegha (40 kph) u li l-esponenti qabizhom fid-dawra tal-*Forum Hotel*. Bhala velocità ikkalkulat li kien qieghed isuq approssimament ghaxar kilometri fis-siegha (10kph) aktar minnhom, u cioè hamsin kilometri fis-siegha (50 kph).

iii. PC 874 Wayne Briffa stqarr li l-esponenti qabzu '*bi speed eccessiv hafna fil-fehma tieghi*' izda jonqos li jikkwantifika l-velocità. L-*overtaking* hawnhekk ukoll sehh mad-dawra tal-*Forum Hotel*.

iv. Il-passiggier fil-karozza ta' l-esponenti, Elsin Hulur ikkalkula li l-esponenti kien qieghed isuq b'velocità ta' madwar hamsin kilometri fis-siegha (50 kph).

v. L-esponenti xehed li kemm meta qabez lill-koppja Davies u Briffa kif ukoll meta kien niezel quddiem il-*Luxol Ground* kien qieghed isuq b'velocità ta' madwar hamsin kilometri fis-siegha (50kph).

F'dan l-istadju ta' min wiehed jirrimarka li l-koppja Davies u Briffa kienu vicin tal-vettura ta' l-esponenti f'dik il-parti tat-triq faccata tal-*Forum Hotel*, **u mhux fejn sehh l-incident aktar 'l isfel fit-triq**.

Ix-xhud principali ghall-prosekuzzjoni f'dan il-kaz izda kien Mario Buttigieg li nhatar bhala espert fl-inkjesta magisterjali li saret dwar l-incident. L-espert ikkalkula li fil-mument tal-impatt, l-esponenti kien qieghed isuq b'velocità' ta' ftit aktar minn sebghin kilometri fis-siegha (precizament, 70.32 kph).

Madankollu d-difiza dejjem kellha dubji serji dwar kemm dan il-kalkolu kien korrett u dan minhabba diversi ragunijiet:

Preliminarjament, u kif ben osservat l-Ewwel Qorti, l-istess espert ma setghax jikkakula kemm kien il-*margin of error* bejn tests li jaghtu indikazzjoni tal-velocità b'riferenza ghall-posizzjoni tal-impatt fuq il-vettura. Fir-rapport tieghu stess, Mario Buttigieg iccita esperti tal-qasam ta' impatti mal-vetturi (ara fol. 124):

*it was noted that headstrike to the lower portion of the windscreen indicate 50 to 60 kilometer per hour, a head strike in the middle portion of the windscreen indicates impact speed of 70 to 80 km/h and that for impact speeds of approximately 100km/h or greater the headstrike was likely to occur near the top of the car or on the roof line of the vehicle.*

*[…]*

*At higher speeds (12 to 40 mph), the head of the pedestrian will normally cause damage where it strikes the bonnet. As the speed increases this damage moves further back towards the windscreen. It is possible for the head to strike and even penetrate the windscreen at higher speeds… In high speeds the body will often pivot over the head with the feet and legs striking the roof of the vehicle.*

Illi meta wiehed janalizza r-ritratti tal-vettura (a fol. 179 et seq.) jidher li l-impatt kien aktar fuq il-*bonnet* tal-karozza u fil-parti t'isfel tal-*windscreen* (fol. 181). Dan kollu jindika li l-velocità kienet wahda ta' madwar hamsin kilometri fis-siegha (50 kph).

Illi aktar importanti minn dan il-punt izda, l-esponenti umilment jissottometti li l-kalkolu finali ta' Mario Buttigieg kien skorrett billi c-cifra wzata' ghall-kalkolu tad-distanza ma kelliex tintuza'. Dan kien zball gravi fil-kalkoli ta' Mario Buttigieg li wassal anke ghall-zball gravi fl-apprezzament tal-provi mill-Ewwel Qorti.

L-akbar kwistjoni hi li fil-kalkoli tieghu, Mario Buttigieg uza' d-distanza ta' sitta u ghoxrin punt wiehed metri (26.1m) biex jikkalkula l-velocità tal-vettura.

Bhala punt preliminari, jirrizulta mill-provi prodotti li fil-mument li sehh l-incident, l-esponenti kien dar ghal fuq il-lemin. Ma applikax il-*brakes*, izda dawwar il-vettura biex jevita l-impatt. Il-konjugi Davies u Elsin Hulur xehdu kif il-karozza kienet daret. Xehed dan ukoll l-esponenti.

Ma hemmx dubbju li l-esponenti sussegwentement applika l-*brakes* – kieku l-vettura ma kienitx tieqaf – izda ma kenitx l-ewwel reazzjoni tieghu. Ghalhekk, id-distanza ta' sitta u ghoxrin punt wiehed metri strettament u teknikament dan ifisser li porzjoni mid-distanza hawn fuq indikata lanqas biss kienu qed jigu applikati l-*brakes*.

Aktar importanti minn hekk, il-*Highway Code* f'diversi istanzi jikkontradixxi l-konkluzjoni tar-rapport ta' Mario Buttigieg. F'sezzjoni 281 hemm dak imnizzel bhala *shortest stopping distances*.

| 281. Shortest Stopping Distances – in metres | | | |
|---|---|---|---|
| KmH | Thinking Distance (metres) | Braking Distance (metres) | Overall Stopping Distance (metres) |
| 32 | 6 | 6 | 12 |
| 50 | 9 | 14 | 23 |
| 64 | 12 | 24 | 36 |
| 80 | 15 | 38 | 53 |
| 94 | 18 | 55 | 73 |
| 110 | 21 | 75 | 96 |

Ta' min jinnota wkoll is-sezzjoni 282 li jghid: *On a dry road, a good car with good brakes and tyres and an alert driver will stop in the distances shown*.

Dawn kienu l-kundizzjonijiet tat-triq meta sehh l-incident, il-karozza kienet mizmuma fi stat tajjeb u s-sewwieq ma kienx impedit (minn xorb jew sustanza ohra) li setghet iddewwem ir-reazzjoni tieghu.

Il-kalkolu ta' Mario Buttigieg huwa kontradett mill-konkluzjonijiet studjati tal-*Highway Code*. Skond il-*Highway Code*, jekk verament l-esponenti kien qieghed isuq b'velocità ta' sebghin kilometri fis-siegha (70kph), u l-*brakes* gew applikati immedjatament malli sehh

l-impatt, dan kien ifisser li l-vettura kienet ser tieqaf ghal kollox bejn madwar sitta u tletin metri (36m) u tlieta u hamsin metri (53m) mill-incident. **Il-vettura izda waqfet sitta u ghoxrin metri (26m) 'l boghod minn fejn sehh l-impatt u ghalhekk dan jikkorrobora dak li qalu x-xhieda kollha li l-vettura kienet qed tinstaq b'velocità ta' circa hamsin kilometri fis-siegha (50kph). Id-differenza ta' tlett metri (3m) bejn dak mistqarr fil-*Highway Code* u fejn attwalment waqfet il-karozza hi spjegata bil-fatt li l-ewwel reazzjoni tal-esponenti kienet li jdawwar il-vettura u mhux jaghfas il-*brakes*.**

Dan il-fatt ma kienx meqjus mill-espert Mario Buttigieg, u bid-dovut rispett l-Ewwel Onorabbli Qorti filwaqt li tkazat bid-distanza ta' sitta u ghoxrin metri (26m) – *'it-tifel safa' mtajjar xejn inqas minn 26 metru l-boghod minn fejn sar l-impatt […] Id-distanza bejn fejn sar l-impatt u fejn waqfet il-karozza, distanza gmiela, fuq il-karreggata opposta jindika l-velocità eccessiva li biha kienet qed tinstaq il-vettura'* – **il-fatti juru li l-esponenti kien qieghed isuq b'velocità ta' hamsin kilometri fis-siegha (50kph) u cioè fil-limitu permess mil-Ligi f'dik it-triq**.

5. Illi dan kollu jinghad biex juri li l-esponenti kien qieghed isuq b'velocita entro il-limiti fil-mument tal-incident. Il-punt ta' dan kollu huwa ghaliex l-esponenti umilment jissottometti li dan il-kaz, ghalkemm certament huwa wiehed tragiku, huwa tort unikament tal-vittma Rodwan Aghil.

6. Illi mix-xhieda prodotti, l-unici persuni li raw l-incident kif zvolga kienu l-esponenti, il-habib tieghu (li kien passiggier fil-karozza) Elsin Hulur. John u Jessica Davies raw lit-tifel jittajjar izda mhux l-impatt *per se*. Ix-xhieda l-ohra li tressqu f'dawn il-proceduri ma rawx l-impatt.

7. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti qablet mal-esponenti limitatament u ddedikat sezzjoni ghan-negligenza kontributorja tal-vittma. Kien proprju minhabba din in-

negligenza kontributorja li l-Ewwel Onorabbli Qorti filfatt sahqet li ghandhom jigu introdotti '*pedestrian offences*' bl-ghan li jigu indirizzati certi incidenti fit-toroq.

8. Illi kif digà espress izda, l-esponenti umilment jissottometti li fil-kaz odjern it-tort **kollu** kien unikament tat-tifel Rodwan Aghil u dan minhabba s-segwenti ragunijiet:

i. Preliminarjament, ebda wiehed mix-xhieda ma ra lill-vittma ezatt qabel ma sehh l-impatt. Xehdu dan l-esponenti, Elsin Hulur u sahansitra il-konjugi Davies. Hadd minn dawn in-nies ma ra lit-tifel qabel ma sehh l-incident izda kollox jindika li t-tifel litteralment qabad u hareg jigri minn *side street* (wara hajt) ghal fuq triq arterjali.

ii. Illi dan il-fatt certament huwa stabbilit. Ir-ritratti tal-vettura li ttiehdu ezatt wara l-incident (a fol. 179 et seq) kjarament juru li l-hsarat li garrbet il-karozza huma lkoll fuq in-naha minn fejn hareg it-tifel filwaqt li ma hemm ebda hsara fuq in-naha l-ohra tal-vettura. Ir-ritratt li l-aktar jikkonferma dan huwa ir-ritratt numru tlettax (13) (a fol. 180A) li juri *fog lamp* maqlughha u parti mill-*grid* maqlugh.

iii. Illi n-nuqqas gravi tal-vittma huwa akbar meta wiehed jikkunsidra kif hemm zewg *pelican* crossings fil-vicinanzi u cioè mija u tmintax punt sbatax-il metru (118.17m) u sebgha u erbghin punt sitt hamsa metri (47.65m) boghod minn fejn x'aktarx qasam il-vittma.

iv. Illi t-tifel hareg sparat minn *side street* ghal go triq arterjali u dan minkejja li kien hareg minn naha fejn hemm hajt li jostakola l-vizjoni tas-sewwieqa nezlin kif kien qed jaghmel l-esponenti (ghalkemm m'ghandux jintesa li dan il-hajt hu mibni fuq bankina li minn fuqha l-vittma seta' jara jekk kienux gejjin karozzi). Apparti minn hekk, il-velocità tat-tifel f'dan il-kaz huwa aktar tal-ghageb meta wiehed iqis kif l-esponenti kien qieghed isuq aktar fic-centru tat-triq milli max-xellug ezatt hdejn il-bankina. Jinghad dan ghaliex l-Ewwel Qorti rrimarkat li '*dan* [l-esponenti] *kellu vizzwali akbar tan-naha tax-*

*xellug tat-triq izda madanakollu naqas milli jintebah bil-presenza tat-tifel li kien hareg ghat-triq arterjali.'* Bid-dovut rispett, l-esponenti ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni. **Hadd** ma ntebah bit-tifel unikament minhabba l-agir tieghu u li kieku l-esponenti kien qieghed isuq aktar fix-xellug kif donnha l-Ewwel Onorabbli Qorti qed tghid li kellu jaghmel, il-konsegwenzi xorta wahda kienu jibqghu l-istess, bl-unika differenza tkun li minflok kien jittajjar mill-genb, it-tifel kien jittajjar ghal kollox.

9. Illi in vista ta' dawn ic-cirkostanzi l-esponenti jtenni li l-incident odjern sehh unikament minhabba l-agir tal-vittma. Fil-kaz ***Il-Pulizija vs. Mario Angelo Zammit***[1] intqal:

*"Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian f'dik il-konsegwenza"*

Riferenza ssir ukoll ghas-sentenza ta' ***Il-Pulzija vs. Joelle Falzon***[2] li kkwotat mill-kaz ***Il-Pulizija vs. Robert Brincat*** fejn intqal:

*"Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment.*

*[…]*

---

[1] Il-Pulizija vs. Mario Angelo Zammit, Qorti tal-Appell Kriminali, 30 ta' Settembru 2009.

[2] Il-Pulizija vs. Joelle Falzon, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 25 ta' Marzu 2014.

*Dana kollu jinghad dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva. F'sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja* ***ghall-gharrieda*** *u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)."*

10. Illi c-cirkostanzi kollha fuq indikati avveraw ruhhom fil-kaz odjern. It-tifel Rodwan Aghil b'imprudenza grassa holoq emergenza subitanea li rrendiet impossibbli li tittiehed azzjoni tempestiva evasiva. Li wiehed johrog jigri **ghall-gharrieda** (kliem l-Ewwel Onorabbli Qorti) minn *side street* ghal go triq arterjali huwa mhux biss nuqqas gravi fil-harsien tar-regolament tat-toroq izda illogiku u kuntrarju ghall-buon sens li anke tifel ta' ghaxar snin ikollu.

11. Illi xejn minn dan ma jnaqqas mill-fatt li sehh incident tragiku li hasad il-hajja ta' tifel. Madankollu, din it-tragedja sehhet unikament minhabba zball fatali li kkommetta l-istess tifel. Fil-mument ta' l-impatt l-esponenti kien qieghed isuq b'mod korrett u ghaqli hekk kif isuqu l-eluf ta' nies li juzaw it-toroq Maltin kuljum. B'ebda mod ma ntwera, sal-grad rikjest mil-Ligi, li l-esponenti wera nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, izda l-fatti juru bl-aktar mod car li kien il-vittma li wera n-negligenza li waslet ghall-mewt tragika tieghu.

12. Illi ghalhekk dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

**<u>It-Tieni Aggravju – Sewqan Perikoluz, Trakurat jew Bla Kont</u>**

13. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet l-esponenti hati tat-tieni akkuza u cioè li saq b'mod perikoluz, traskurat u bla kont.

14. Illi qari tas-sentenza jindika li l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet li kien b'sewqan traskurat u perikoluz li l-vittma Rodwan Aghil miet:

*"Jibqa' l-fatt li mill-provi akkwiziti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li ghalkemm kien hemm dan in-nuqqas mill-parti leza meta naqas li juza l-pedestrian crossing, xejn ma jnaqqas mill-fatt bhala rizultat tas-sewqan traskurat u perikoluz da parti tieghu, l-imputat ikkawza l-mewt ta' Rodwan Aghil"*

*[…]*

*kien is-sewqan traskurat u mill-aktar perikoluz tal-imputat li rrenda w ttrasforma vettura, invenzjoni intiza bhala komodita` ghall-bniedem, f'arma letali kapaci li tahsad il-hajja. Is-sewqan perikoluz tal-imputat ma ppermettiex li tittiehed azzjoni evaziva sabiex jigi evitat l-impatt jew mtaffija l-konsegwenzi tan-nuqqas tat-tfajjel.*

15. Illi fir-rigward ta' dan l-aggravju, l-esponenti jirreferi ghas-sottomissjonijiet digà maghmula fl-ewwel aggravju. Fis-succint, u kif digà gie spjegat, wiehed mill-punti ewlenin tal-kaz odjern huwa x'kienet il-velocità li biha kien qieghed isuq l-esponenti u kif digà gie spjegat, hemm dubbji serji dwar il-konkluzjonijiet tal-espert Mario Buttigieg rigward l-istess velocità. Il-fatt hu li x-xhieda kollha raw li l-esponenti kien qieghed isuq b'velocità in konformità ma' dak permissibbli mil-Ligi u cioè madwar hamsin kilometri fis-siegha (50kph). Aktar importanti minn dawn ix-xhieda izda huma r-regolamenti tal-*Highway Code*, senjatament dak hawn fuq sottomess dwar il-velocità li

biha kien qieghed isuq l-esponenti tenut kont tad-distanza fejn spiccat il-vettura tieghu wara l-impatt.

16. Illi riferenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud***[3] fejn intqal:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

*Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta'*

[3] Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud

*sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)".*

17. Illi bid-dovut rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet htija ta' din it-tieni akkuza abbazi ta' l-interpretazzjoni zbaljata dwar is-sewqan ta' l-esponenti meta sehh l-incident. L-esponenti jissottometti li in vista tal-gurisprudenza hawn citata, maghduda mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u ta' l-osservazzjonijiet hawn maghmula, assolutament ma ntweriex li l-esponenti f'ebda stadju, izda specjalment meta sehh l-impatt li hasad il-hajja ta' Rodwan Aghil, ma kien qieghed isuq b'mod traskurat, bla kont jew perikoluz.

18. Illi ghalhekk dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

**<u>It-Tielet Aggravju – Sewqan Eccessiv</u>**

19. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet l-esponenti hati wkoll li saq b'mod eccessiv.

20. Illi sabiex tinstab htija, irid jintwera li l-esponenti kien saq b'velocità li eccediet il-limitu ta' dak permess mil-Ligi. F'dan ir-rigward, l-esponenti jirreferi ghas-sottomissjoniiet digà maghmula fl-aggravji precedenti, specjalment fl-ewwel aggravju, fejn intwera bic-car li qatt u qatt ma kien qieghed isuq b'velocità li kienet teccedi dak stabbilit u permessibbli skond il-Ligi.

21. Illi ghalhekk dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

**<u>Ir-Raba' Aggravju – Piena</u>**

22. Illi strettament minghajr pregudizzju ghall-aggravji suesposti, l-esponenti umilment jissottometti li l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti hi sproporzjonata meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-gurisprudenza stabbilita f'kazi simili.

23. Illi preliminarjament, il-pieni tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet kienu assorbiti fl-ewwel imputazzjoni u cioè dik li l-esponenti kkawza l-mewt ta' Rodwan Aghil minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti.

24. Illi l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet dik ta' tnejn u tletin (32) xahar prigunerija, skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal erba' (4) snin, il-konfiska tal-vettura Peugeot ALI-519 favur il-Gvern ta' Malta u ordni biex l-esponenti jhallas l-ispejjez tal-kawza.

25. Illi din il-piena, specjalment il-piena karcerarja effettiva ta' tnejn u tletin (32) xahar, ma tirriflettix il-gurisprudenza stabbilita f'kawzi simili. L-esponenti jirreferi ghas-segwenti kazistika:

i. ***Il-Pulizija vs. Jeremy Cilia***, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (JM) moghtija fis-26 ta' Lulju 2017. Vittma kien Jesmond Scicluna u l-Qorti rrimarkat: '*Il-vittma kien qed isuq fit-triq principali b'velocità ferm aktar milli jippermettu r-regolarmenti tas-sewqan. […] Illi l-vittma kien qed isuq il-mutur tieghu b'velocità gholja ta' 101 kilometru fis-siegha u l-imputat hareg minn triq sekondarja ghal triq principali minghajr il-kawteli dovuti*' Kien ghalhekk li kkundannat l-imputat ihallas multa ta' hamest elef Ewro (€5,000), ordni ta' servizz fil-komunità ta' erba' mija u tmenin (480)

siegha, ebda konfiskazzjoni tal-vettura, skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sentejn.[4]

ii. ***Il-Pulizija vs. Timothy Licari***, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (TMT) moghtija fil-11 ta' Lulju 2017. Vittmi kienu Tara Malou Licari (mewt), u Omar Lund (feriti gravi). Fuq ammissjoni, l-Qorti tat piena ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena, sospensjoni tal-licenzja ghal sitt xhur.

iii. ***Il-Pulizija vs. Anthony Pace***, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (JM) moghtija fit-3 ta' April 2017. Vittma kien Vincenzo Giordmaina. Fuq ammissjoni, l-Qorti tat piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin, multa ta' erbat elef Ewro (€4,000) u skwalifikat il-licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur.

iv. ***Il-Pulizija vs. Dimitry Tomashov***, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (IF) moghtija fil-31 ta' Jannar 2017. Vittmi kienu Maysara Nzahmidinova, passiggiera mal-imputat (mewt) u Aaron George Pace, sewwieq ta' vettura ohra (feriti hfief biss pruvati). Qorti osservat illi: '*Irrizulta wkoll li sfortunatament, il-passiggiera, fil-vettura Nissan misjuqa mill-imputat, Maysara Nzahmidinova, ma kienitx liebsa s-seat belt*.' Il-Qorti tat piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal sentejn.

v. ***Il-Pulizija vs. Clive Tanti***, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (JM), moghtija fil-15 ta' Dicembru 2016. Vittma kien Michael Sciberras. Il-Qorti osservat li l-imputat kien qed isuq b'velocità ta' 'l fuq minn mija u erbghin kilometri fis-siegha (140 kph) filwaqt li l-vittma kien qed isuq b'velocità ta' mija

---

[4] Din is-sentenza, bhal diversi sentenzi moghtija mill-Magistrat Dr. J. Mifsud LL.D. dwar l-istess suggett, tirreferi wkoll ghal sentenzi ohra mhux citati hawnhekk in sostenn ta' dan l-argument.

u sitta u ghoxrin kilometri fis-siegha (126 kph). Il-Qorti kkundannat l-imputat ihallas multa ta' hamest elef Ewro (€5,000) u ordnat li jaghmel erba' mija u tmenin (480) siegha xoghol fil-komunità.

vi. ***Il-Pulizija vs. Joseph Schembri***, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (JM), moghtija fil-5 ta' April 2016. Vittma kien Salvatore Galea. Il-Qorti osservat illi: '*Fic-cirkostanzi partikolari, Schembri ma seta' qatt jipprevedi li Galea kien se jaqbad u jinvadilu l-karreggjata.*' Kien ghalhekk li l-Qorti kkundannat lill-imputat ihallas multa ta' erbat elef Ewro (€4,000) u skwalifikat il-licenzja tas-sewqan ghal tlett xhur.

vii. ***Il-Pulizija vs. Mariano D'Amato***, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (CSH), moghtija fis-26 ta' Mejju 2015. Vittma kienet Nicole Zahra. Il-Qorti osservat li anke l-parte civile (mhux il-vittma propja) f'dan il-kaz kellu tort. Wara li sabet lill-imputat hati, l-Qorti kkundannatu ghal sena prigunerija sospiza ghal tlett snin '*stante l-kontributorjeta tal-parte civile*' u kkundannatu jhallas multa ta' elfejn Ewro (€2,000).

viii. ***Il-Pulizija vs. Ludwig Micallef***, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) (MM) moghtija fl-1 ta' Marzu 2012. Vittma kien Clifford Micallef, passiggier fil-vettura tal-imputat. L-Ewwel Qorti sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghal sentejn prigunerija. Is-sentenza kienet appellata u filwaqt li l-Qorti kkonfermat il-kundanna ta' sentejn prigunerija, **issospendiet** is-sentenza ghal zmien tlett snin u skwalifikat il-licenzja tas-sewqan ghal tlett snin.

26. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kkoncediet li l-vittma fil-kaz odjern kien kkontribwixxa b'mod sinifikanti ghall-incident tant li ddedikat sezzjoni tas-sentenza

precizament ghal dan il-punt u sahqet li ghandhom jigu stabbiliti *pedestrian offences* biex jipprevjenu milli jsiru incidenti fit-toroq.

27. Illi madankollu, in-negligenza kontributorja tal-vittma assolutament ma gietx riflessa fil-piena minkejja li hemm numru ta' sentenzi, mhux biss dawk hawnhekk citati, li jsostnu dan il-punt.

28. Illi riferenza terga ssir ghas-sentenza ta' Dimitry Tomashov hawn fuq citata fejn f'dik is-sentenza ntqal:

*"Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-hajja umana m'ghandiex u qatt ma ghandha tkun ikkonsidrata bhala rhisa. Ma jfissirx però li f'kull kaz fejn hemm mewt involontarju bhala rizultat ta' incident tat-traffiku ghandu tassattivament ikun hemm piena ta' prigunerija, ghaliex kull kaz huwa differenti minn iehor. Jigifieri l-Qorti trid tara jekk jezistix kaz ta' negligenza zghira jew kbira, jekk huwiex kaz ta' sewqan perikoluz minhabba qziez jew qziez zejjed li juri sewwieq fis-sewqa tieghu. Kull kaz allura ghandu verament jigi trattat fuq il-mertu li jisthoqqlu."*

29. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti wkoll injorat **ghal kollox** l-effett li dan l-incident halla fuq l-esponenti. Fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2017 xehdet Dr. Valentina Bezzina, psikologa li l-esponenti kellem ftit wara l-incident u li turi t-trawma li sofra l-esponenti b'rizultat ta' l-istess incident. L-effett izda kien l-aktar car fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2017 meta xehed l-esponenti. Sfortuntament, it-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu ma tirriflettix id-dieqa qawwija li hass u wera l-esponenti waqt id-deposizzjoni tieghu, tant li l-Ewwel Qorti rrimarkat: *"We have no doubt that you are sorry it is not a pleasurable experience by all forms of imagination"*. Ir-rilevanza ta' dan kollu huwa rifless meta wiehed iqis l-osservazzjonijiet li ghamlet din l-Onorabbli Qorti fil-kaz ta' Ludwig Micallef (hawn fuq citat) fejn intqal:

*"Ma jidhirx li hemm xi haga x'jigi riformat u ma hemmx dubju illi l-***konsegwenzi tas-sewqan tieghu ser ikunu rimors ghalih li jrid jibqa' jghix bih tul hajtu kollha. Din hija piena fiha nnifisha u l-ebda perjodu l-habs ma jista jikkancella dan il-fatt***. F'kazijiet ta' omicidju involontarju l-Qrati taghna kienu dejjem lesti jikkundanaw l-azzjoni imma meta tigi sabiex tikkundanna l-persuna, dejjem raw ic-cirkostanzi partikolari ta' dak li jkun u kemm il-persuna kienet propensa lejn il-kriminalita jew ma kinetx. F'dan il-kaz il-Qorti hija sodisfata illi l-appellant m'huwiex xi kriminal. Dan kien incident sfortunat illi halla konsegwenzi tragici izda biex issir gustizzja l-Qorti ma jidirlhiex illi ghandha tmur ghal-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva."* [Enfasi ta' l-esponenti]

Dan l-impatt fuq hajjet l-esponenti, li jigri x'jigri qatt ma jista' jnehhi minn mohhu l-esperjenza makabra tat-30 ta' Mejju 2015, ma gietx ikkunsidrata mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

30. Illi s-sentenza ta' Ludwig Micallef tqajjem punt iehor, li ma hemm xejn x'juri li l-esponenti jehtieg jigi riformat u ghalhekk l-imposizzjoni ta' piena karcerjarja effettiva assolutament ma hiex xierqa fil-kaz odjern.

31. Illi huwa car mill-kliem uzat mill-Ewwel Onorabbli Qorti li riedet taghmel ezempju mill-esponenti, izda bid-dovut rispett, sabiex sar dan gew injorati kompletament kemm il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kif deskritt fis-sentenzi ta' Dimitry Tomashov u ta' Ludwig Micallef.

32. Illi ghaldaqstant, u dan dejjem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-esponenti umilment jissottometti li l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti hi

manifestament sproporzjonata in vista tac-cirkostanzi tal-kaz u tal-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, u ghalhekk dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti. Illi jigi rilevat ghalkul bon fini li din il-fedina penali ghandha registrata fuqha sentenza datata 15 ta Marzu, 2018 waqt li l-fedina penali ghandha l-istss reat registrat fuqha li jikkonferma xi ksur ta' regolamenti tat-traffiku ordinance datat 15 ta Marzu 2015 u ghalhekk fil-fehma ta din il-Qorti hemm zball fil-fedina penali esebita a fol. 403 peress li l-fedina penali esebita a fol. 15 mhiex kopja ta' dik esebita fol 403.

Ikkunsidrat,

L-appellant tressaq taħt arrest quddiem il-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015). L-ufficjal prosekutur preżenta r-rapport, il-fedina penali, kopja tal-passaport u l-passaport tal-imputat u l-kunsens tal-Avukat Ġenerali biex il-każ jiġi trattat b'mod sommarju.

Fis-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) quddeim il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif preseduta mill-Maġistrati Dr Carol Peralta xehed l-**Ispettur Carol Fabri**. Huwa qal li fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) is-Surġent WPS299 Roxanne Debono infurmatu li kien itajjar tifel ġewwa Pembroke t-triq prinċipali u li kienet ingħalqet it-triq għal fatt li t-tifel meta ttieħed ma kienx f'kundizzjoni tajba. Jgħid li mal-waslu tiegħu '*innutajt li*

*kien hemm karozza Peugeot hamra qeghda n-naha l-ohra tat-triq ftit l'isfel mill-bus terminus direzzjoni lejn San Giljan, u ragel ma' l-art barra li qed ngharaf hawnhekk bhala s-Sur Pancar, ma' lart li kien qieghed jinghta l-ghajnuna medika mill-membri tas-St John ambulance li dak il-hin kienu fl-akkwata peress li kien hemm xi attivita' gewwa l-Luxol Grounds, u assistew mall-ewwel huma lis-Sur Pancar.*' Jgħid li ftit wara ambulanza ħadet lis-Sur Pancar l-Isptar għal aktar trattament mediku, it-triq ingħalqet għal '*kostituzzjoni tar-reat*' li kien għadu kif seħħ. Jgħid li l-sptar qalulhom li t-tifel kien jinstab f'qagħda kritika u li dak il-ħin huwa ċempel lil Maġistrat tal-Għassa Dr. Doreen Clark fejn infetħet inkjesta.

Jgħid li peress li t-tifel ma kellux mezzi t'identita fuqu, ta' struzzjonijiet lis-Surġent biex jibdew mill-Luxol Grounds peress li hemmhekk jiffrekwentaw kemm familji bt-tfal u t-tfal jilgħabu l-football, pero' ħadd ma ndikalhom li kien hemm tfal neqsin jew li kien hemm xi tfal qed jilgħabu forsi tfal oħra ndikaw li kienu neqsien. Jgħid li għaddew ukoll l-Sprachcaffe[5] fejn dak iż-żmien kien hemm numru ta' żgħażagħ barranin pero' wkoll ma ġiex indikat li kien hemm xi tfal neqsin f'dan il-grupp. Jgħid li telgħu aktar il-fuq mill-Luxol Grouds biex jaraw jekk kienx hemm xi tfal qed jilgħabu barra, u baqgħu jipruvaw jaraw l-identita' ta' dan it-tifel. Jgħid li mill-Isptar ġew infurmati li fl-erbgħa u nofs u tliet minuti t-tifel ġie ċċertifikat mejjet u x-xhud mar l-Isptar. Spjega li sakemm kienu fuq il-post ġew l-esperti kollha li ħatret il-Maġistrat Dr. Clarke u baqgħu hemmhekk ifittxu l-identita' tat-tifel.

Jgħid li huma għaddew messaġġ intern lid-disrtretti kollha biex f'każ li xi ġenitur jew xi nies imorru jagħmlu rapport ta' xi tifel nieqes, li skont hu dak l-ħin kien ta' bejn tmienja u għaxar snin, jinfurmawhom mal-ewwel għal fatt li forsi setgħa kien li t-tifel inġieb il-Luxol jilgħb f'xi tournament u tħalla hemmhekk sakemm jispiċċa t-tournament.

---

[5] It-traskrizzjoni a fol 34 taqra 'Isprak Cafe'

Jgħid li għal ħabta tat-tmienja ġew żewġ pesuni l-Għassa li kienu tfajla u ġuvni fejn saqsew għar-rigward tat-tifel. jgħid li saqsewhom x'kien liebes it-tifel, huma ndikaw x'kien liebes it-tifel u ħaduhom l-Isptar fejn hemmhekk tkelmu ma-tabib fejn qalilhom x'kien ġara, wara mar magħhom il-Mortwarja fejn iż-żewġ persuni li kienet oħt il-vittma u z-ziju tiegħu identifikaw lit-tifel bħala li kien parti mill-familja tagħhom. Jgħid li ftit wara ġew ukoll missier it-tifel flimkien ma' xi aħwa.

Jgħid li s-Sur Pancar ġie arrestat, mitkellem minn Dr. Buttigieg fejn imbagħad sussegwentement ġie mressaq il-Qorti bl-akkużi miġjuba kontrih. Mistoqsi dwar in-number plate, qal li ma għandux il-file għandu pero jaf li kienet Peugeot ħamra, '*direzjoni niezla lejn San Giljan pero kienet fil-karriggata l-ohra li taghti ghal San Pawl il-Bahar, ma kinitx fil-karriggata li kienet originarjament niezla minnha lejn San Giljan pero kienet fil-kariggata l-ohra.*'

Xehed li l-ħsarat fuq il-vettura kienu fuq quddiem il-bonnett u l-windscreen fejn dehret id-daqqa tal-impatt. Mistoqsi '*U tista*' *tghidilna bejn wiehed u iehor jekk kinitx il*'*boghod jew le mid-daqqa u minn fejn kien it-tifel dak il-hin?*' Wieġeb '*It-tifel l-indikazzjoni li kellna dak l-hin kienet fil-hrug tal-luxol Grounds pero' l -karozza nstabet metri konsiderevoli l*'*isfel mill-hrug tal-Luxol.*'

Mistoqsi mill-Qorti '*Irrizultalek dak il-hin minn fejn kien gej it-tifel?*', Wieġeb li huwa wasal wara, meta t-tfiel kien diġa ttieħed l-Isptar, pero minn informazzjoni li ġabru minn fuq il-post minn persuna li kienet wara l-vettura misjuqa mill-imputat jgħid li '*jirrizulta li t-tifel anki mad-daqqa tal-impatt jirrizulta li t-tifel hareg mill-fetha li hemm li inti tohrog mill-Luxol Grounds ghal main road, fejn hemmhek anki ma' l-art kien jidher bic-car kien hemm id-demm, kien hemm tliet postijiet fejn kien hemm id-demm fejn waqaf it-tifel.*'

Fl-istess seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehdet **WPS299 Roxanne Tabone** li qalet li fit-tletin (30) ta' Mejju għal ħabta tat-tlieta u nofs u ħamsa ġew infurmati mill-Control Room li kien hemm aċċident ħdejn il-Luxol Grounds ġewwa Swieqi, fejn kien hemm persuna probabli ġiet imweġġa u mtarja u l-ambulanza kienet fi triqtha. Tgħid li hi flimkien ma' PC1251 marru fuq il-post u raw li lane minnhom kien magħluq u l-karozzi kienu qegħdin jgħaddu mis-service road ta' wara l-bus stop, u l-lane l-ieħor kienu għaddejin il-karozzi normali ġejjien minn Baħar ic-Cagħaq. Tgħid li fuq il-post sabu n-nurse Elizabeth S. Saliba karta tal-identita' 24500(L) u Christine Wright karta tal-identita' 419290M. Tgħid li dawn kienu qegħdin extra duty mas-Saint John Ambulance il-luxol Grounds u kienu qegħdin jassistu t-tifel li kien qiegħed mal-art bid-demm ħiereġ minn rasu. Tgħid li nnutaw li kien hemm vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ALI 519 tal-għamla Peugeot kulur ħamra pparkjata ħdejn it-tifel. L-identita' tat-tifel ma kinitx għadha magħrufa għax ma kien hemm ħadd miegħu, la ħbieb u lanqas relatives. Wara ftit it-tifel ittieħed Mater Dei bl-ambulanza, mbagħad ġew il-pulizija tat-traffiku biex jassistuhom fil-konfużjoni li kien hemm. Innutat li l-karozza kienet ipparkjata fuq in-naħa l-oħra tat-triq kontra t-traffiku.
Xehdet li l-vettura kienet ġejja minn naha ta' Bahar iċ-Ċagħaq sejra direzzjoni lejn San Ġiljan. Tgħid li meta waslet fuq il-post hi sabet il-karozza fuq il-lane opposta u wiċċa iħares fid-direzzjoni lejn San Ġiljan. Tgħid li t-tifel kien '*metru, metru u nofs, ftit li xejn*' il'bogħod mill-vetura. Hi kkonfermat l-okkorenza parti mill-proċess u preżentat waħda aktar riċenti.

Fis-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehed ukoll **John Davis** bil-lingwa Ingliża. Huwa qal li ma jiftakarx id-data tal-inċident, kien ix-xahar li għadda bejn it-tlieta u l-erbgħa bħala ħin. Jgħid li hu kin qiegħed isuq mill-Coast Road lura għal Santa Venera. Mistoqsi x'innota wieġeb '*Basically on the way back up by the Coastal road the turning coming down to Saint Andrew's road my wife and I, she owns a motoring school, we were driving around forty to fifty kilometres an hour, and then we*

*noticed a red Peugeot coming up close behind, tail-gating essentiallly, and then overtakes us on the corner. My wife and I commented in English, she said what a nob.'* Mistoqsi '*Why did she say that?*' Wieġeb '*Because the driver of the Peugeot shouldn't have overtook us, and as he overtook us the passenger driver just looked at us like why are you driving, we were driving just forty kilometres just coming off..*' Huwa qal li '*That is when we first noticed the car, and then we were coming down towards the traffic lights..*'. Mistoqsi dwar il-velocita', wieġeb li '*we were doing forty to fifty...*' Dwar is-sewwieq l-ieħor wieġeb '*He was faster than us I don't know.*' Jgħid '*Yes, we were definitely doing forty to fifty being a residential area. We know that term very well, obviously it was on the road to, we knew there were traffic lights coming up, so we were catious coming around, and then we didnt think more of it just thought oh well. And then we got towards the traffic lights and I believe they were green to go, but I think they weren't working that day, we saw an orange, I was aware looking around see what's coming and then literally as we passed near Saint Andrew's I heard a bang and a screech and thats when we saw the incident of the young boy being tossed into the air or run over essentialy.*' Jgħid li kienet peugoet ħamra li laqtet it-tifel. Mistoqsi jekk jgħarafx is-sewwieq ta' din il-vettura, wieġeb li le.

Jgħid li '*when he overtook us he was on the right side of he lane where we always told to stick to the left it was on the other side. We saw the car, i don't know the name of the street but by the lotto is the way I can explain it in Saint Andrew's, that is where we saw the incident happen.*' Mistoqsi mill-Qorti '*Beyond the traffic lights?*' Wieġeb '*Yes yes we had literally just passed the traffic lights.*' Mistoqsi mill-Qorti '*You said you doubted whether the traffic lights were working that day or not. Why?*' Wieġeb '*That's correct. Because I believe they were't working. I believe they were orange, but in my statement I was stay over and I wasn't 100% sure but I know we were okay to go you know.*' Jgħid li '*I believe when they dont work the just flicker orange all the time, or amber sorry.*' Mistoqsi wkoll mill-Qorti '*So the red Peugoet which was infront of you obviously had the same set of lights, did he drive through them?*' wieġeb 'Yes'. Jgħid li '*They were flashing orange they weren't conventional to changing (...)*'

Mistoqsi '*Did this boy you said you saw being hit, could you tell us the distance how he was hit?*' Wieġeb '*Okay first we were by the lotto the car stayed about 100 feet in front of us by the time we had just come past the lights. Like I said I heard the hit and the screech at the same time, looked up, and this I believe it was roughly were the turning at luxol was and the box, or just before the orange box segment. When I looked up and saw the incident happen the car was already on the wrong side of the road, and then it pulled off into the bus station (...)*'

Mistoqsi mill-Qorti '*Why was the car on the wrong part of the road? To avoid him?*' Wieġeb '*The car when I swerved strait when we seen the incident from what we saw as soon as I turned around we saw the young lad in the air. I mean it was considerably in the air very high in fact, and the car was driving strait and then went off after the actual impact, went off into the bus stop, bus station and then we pulled over to the left, went over to the bus station, called an ambulance.*'

Dwar x'għamel is-sewwieq wara l-incident jgħid li '*he got out of the car while i was on the phone to the ambulance he got out of the car, he was crying, hit the ground crying, hysterically or screaming hysterically I don't know, then the passenger got out, i believe it was the passenger I'm not a hundred percent sure, got out to console him, and that is what we saw so..*' Huwa ma għarafx l-imputat u qal '*I can see someone in the defendant but I couldn't say for sure.*'

In kontro-eżami xehed li kien ġej minn Bahar iċ-Ċagħaq '*at the turning where they are building near the greens where there is the whole new construction.*' Mistoqsi jekk sarx l-overrtaking fejn hemm l-iskola 'on the left' u l-kostruzzjoni ta' hotel 'on the right' wieġeb '*No the point where I said I was being overtaken was previous to that actually on the bend.*' Jgħid li '*it was actually on the bend coming round you can't see oncoming traffic and that was another reason we were saying how silly because a lot of time they overtake coming the other way.*' Jgħid li hija single lane u li hemm solid white line. Ikkkonferma li l-impatt seħħ wara t-traffic lights. Mistoqsi '*Would I be correct in saying that that is a distance over about 300, 200 metres down further over the point of overtaking?*' Wieġeb '*Yes perhaps yeah, I*

*don't know the full measurements but it's quite.'* Mistoqsi '*600 feet?* Wieġeb '*Yes*'. Mistoqsi '*...did you see the boy dash across the street?*' Wieġeb '*Unfortunately not no*'. Mistoqsi '*So the first thing you knew was the sound of the impact and the boy unfortunately being hit.*' Wieġeb '*Unfortunately yes.*' Mistoqsi '*Did you see the car trying to veer rightways to avoid hitting the boy?*' Wieġeb '*No all I saw was, we saw the impact and the whole scene that I saw was the car halt, or come to a halt and then it went to the bus..*' Mistoqsi mill-Qorti '*...did you see the boy in the air and then the car veering to the right?*' Wieġeb '*I saw the car heading over to the right side..*' Mistoqsi '*After you saw the boy in the air.*' Wieġeb '*Yes*'. Jgħd li '*..we were the car directly behind. There were no cars behind. It was a strangely quiet day that day to that area there was hardly any cars around...*' Jgħid li kien it-tlieta u nofs ta' waranofsinhar.

Fis-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehdet ukoll **Jessica Davis** bil-lingwa Ingliża li qalet li tlett ġimgħat ilu kien is-Sibt għal ħabta tas-sagħtejn u nofs kienu qegħdin isuqu lura d-dar mill-Coast Road għal Santa Venera spjegat li '*As we went around the bend we noticed a vehicle that overtook us..*' Tgħid li kienet Peugeot ħamra '*One up from the 107 I think it's a 207.*' Mistoqsija x'innotat wieġbet '*He overtook us in a dangerous area where it turned on the bend where they are doing the constructions just before Andrew's School.*' Tgħid li r-raġel tagħha kien qiegħed isuq madwar 40 kilomertru. Tgħid li hija driving instructor. Spjegat li '*We looked at them and they looked back and I said what an idiot to be overtaking on the bend*' Tgħid li '*He was going by alot faster than what we were going.*' Mistoqsija '*How much is alot for you approximately?*' Wieġbet '*Approximately I would say 10 kilometres more.*' Mistoqsija mill-*Qorti* '*why did you not use the word he was driving faster instead quite faster?*' wieġbet '*Cause he just went by, well I am used to with the students and everything you can tell when the speeds and everything.*' Tgħid li ħarset lejn id-drivers u li kien hemm passiġier raġel. Mistoqsija jekk tgħarafx lis-sewwieq qalet li '*He had a beard on, he had a beard. It's that gentelman there.*'

Kompliet tixhed '*Then we carried on I didn't take any much notice, and then I don't know what brought my attention but I noticed the car was more on the right hand lane, and then it happened so fast...*' Mistoqsija mill-Qorti '*Did you see the car get to the traffic lights?*' Wieġbet '*No I just saw, well when I looked up I was talking to my husband as we came to about near the lotto office I noticed the car doing something unusual, was driving more on the other side ofthe road and swerving and then all of a sudden I saw..*'

*Mistoqsija mill-Qorti* '*So the car was more to the right side of the road, was it completely on the right side of the road or half half?* Wieġbet '*Yes when I looked up he was..*' Tgħid '*I saw the car swerve and then I saw the young boy get hit. Sorry, and then he went up into the air, and then..*' Mistoqsija mill-Qorti '*Did you see where the young boy was coming from?*' Wieġbet '*No I didn't see where, I didn't see him run into the road or anything, I'm so sorry.*' Tgħid *li* '*As I looked up I saw the car swerve to the right it was mostly, it was more like he was going towards the bus stop to park.*' Tiddeskrivi '*You've got the traffic lights near Saint Andrew's school and you've got the traffic lights next to Luxol. It was before the Luxol traffic lights and after the Saint Andrew's traffic lights.*' Ma tiftakarx jekk it-traffic lights kienux qegħdin jaħdmu dak in-nhar.

Tispjega '*I saw the car swerve to the right and then I saw something, well now I know, it hit, and then the boy went up into the air, he turned it was about ten feet int he air and then he just hit the ground, then my husband said don't look, and as we drove by we stopped near the bus stop, and then these two ladies which later we knew they were nurses, came to help the boy, but..*'

In kontro-eżami, mistoqsija '*There is only one white line in the middle of the road which divides the left side and the right side of the road am I correct*' wieġbet 'Yes'. Tikkonferma li hemm '*one continuous white line*' ħdejn l-Iskola. Mistoqsija mill-Qorti '*Madam you are coming up from the Coast Road you are coming up the hill, you come strait from our left there is a cemetry and you pass the cemetry and there is a school. Now Dr Jason is referring to there.*' Wieġbet '*Okay we were more in the middle.*'

Mistoqsija mill-Qorti '*Your husband was in the middle. Now in your opinion, and you are a driver, does that road take two cars next to each other?*' Wieġbet '*It's supposed to be a one lane but they tend to double up.*' Mistoqsija '*When the red car overtook you did the red car go over the white line?*' Wieġbet '*Yes.*' Mistoqsija '*How much?*' Qalet '*I don't remember I remember he came very close to the vehicle. My vehicle.*' Tgħid li hija single lane. Tgħid li '*It is wide enough for two lanes but it is one lane and it widens up to two lanes when it comes up to the traffic lights.*' Tgħid li '*it is a solid white line and it's not overtaking.*' Tgħid ukoll '*And you don't overtake on a bend.*'

Mistoqsija '*So the fact that it's one line in your opinion means a single lane not doube lane. Correct?*' Wieġbet '*Yes*'. Tikkonferma li l-inċident ġara aktar l-isfel minn fejn sar l-overtaking, wara t-traffic lights. Tgħid li hemm madwar 200 metru minn meta sar l-overtaking għal meta seħħ l-impatt. Tgħid li t-triq kienet kwieta għalkemm '*usually that road is very busy.*' u li ma kien hemm l-ebda karozza bejnhom u l-karozza l-oħra. Dwar jekk ratx it-tifel jintlaqat mill-vettura tgħid li '*It was a little bit, because my husband says you don't know which way he was coming, that what was hard when the car swerved it looked to me more at first, first impression I thought somebody was falling out of the car, and then I saw..but from the side because the car went to the side here, that is when I saw what happened.*' Mistoqsija mill-Qorti '*So I am right to say that the first time you saw the boy was in the air.*' Qalet '*Properly yes.*' Mistoqsija '*...so you did not see the boy dash across the road?*' Wieġbet '*No I didn't see the boy coming either way.*' Tikkonferma li ħadt ma beda jaqsam it-triq dak il-ħin.

Mistoqsija '*And you would agree with me that when you saw the car veer to the right it was exactly simultaneously with the point of impact?*' Wieġbet '*Yes.*' Tikkonferma li l-karozza spiċċat in-naħa l-oħra tat-triq Mistoqsija dwar ir-reazzjoni tax-xufier wara l-inċident

tgħid '*As we turned around the gentleman came out of the car, he was on his knees crying and shouting, and then he lay on his front were the two ladies were trying to help the boy.*'

Fl-istess seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehed **Elsin Hulur** bil-lingwa Ingliża li qal li dakinhar fis-siegħa u nofs mar il-ħanut tal-imputat il-Gżira, l-imputat staqsieh jekk xtaqx imur miegħu għand Piscopo biex jixtru x-xorb għal ħanut u mar sa' San Pawl il-Baħar jixtru. Jgħid '*(...) and we coming to Luxol Ground and we pass two traffic lights..*' Jgħid li huwa ilu jgħix Malta mis-sena elfejn u sitta (2006) u li hu jsuq. Mistoqsi '*How was he driving?*' Wieġeb '*Normal*'. Mistoqsi mill-Qorti '*What is normal for you because you have to be careful. I have to tell you, witnesses here have said that they were driving at fifty and he was driving more than fifty. So before you say normal think about it.*' Wieġeb '*Like fifty, I think so.*' Mistoqsi '*Now the traffic lights were they working or were they flashing?*' Wieġeb '*No it's green and second is green I spoke to him just general like passengers.*' Mistoqsi '*And he spoke to you back?*' Wieġeb '*Just like driver, and one I see on the windscreen something coming, I touch my hands like that because windscreen coming, and..*' Il-Qorti kkummentat '*It surprised you*' u wieġeb '*... I don't know where the kid is coming first I think from down he coming, and I am very shocked and I get out of car, I can't take phone to call police like first time i see like that happened from my life.*' Il-Qorti kkumentat li '*Ix-xhud ghamel mossa ta' zewg idejn mtellghin ma' wiccu u qed jispjega li filfatt kien ixxukkjat stante li huwa gie sorpriz b'din il-haga.*' Ma jiftakarx dwar xiex kien qiegħed ikellem lix-xufier.

Jgħid '*Then we passed the traffic lights we talking, I talk and he answer, and at once something coming in front of the glass. And I am too afraid like coming to my eyes. I did not see the kid..*' Jgħid '*Something coming like front and then (...)*' Jgħid li xi nies marru mal-bus stop u ċemplu l-Pulizija u l-ambulanza u mar l-Isptar. Filgħaxija ċemplulu mill-Għassa ta' San Ġiljan u qalulu biex l-għada fid-disgħa jmur l-għassa ta' San Ġiljan u mar l-Għassa ta' San Ġiljan.

In kontro-eżami jgħid li se jsiefer permanenti. Jgħid li kien direzzjoni minn San Pawl il-Baħar għal San Ġiljan. Jgħid '*This is the bend we are coming before traffic lights? That here in front no any cars and he just passing the traffic lights because in front no other car, and he passed just normal.*' Mistoqsi jiftakarx li l-karozza għamlet overtaking ta karozza oħra qabel il-*bend* jgħid li ma kienx hemm karozzi lanqas qabel it-traffic lights. Mistoqsi dwar ħafna qabel it-traffic lights jgħid li ma jiftakarx.

Bħala speed wieġeb li normali u jispjega '*Fifty maximum sixty I can say like approximately fifty or sixty.*' f'kilometri. Jgħid li ż-żewġ traffic lights kienu ħodor. Mistoqsi fejn seħħ l-inċident jekk wara l-ewwel jew it-tieni traffic lights jgħid li t-tieni. Dwar l-impatt jgħid '*No where they coming and how he jumping because I don't see even the pavement someone walking.*' Mistoqsi '*What do you mean you did not see anyone on the pavement? So the kid came out of nowhere?*' Wieġeb '*Yes something yes then I see somtimes I see my friend no one in front of the car or on the pevement were they walking, and once I talking something they coming on the windscreen...*' Jgħid li ħadd ma kien qiegħed fuq il-bankina. Ma jafx jgħid minn fejn kien ġej it-tifel. Mistoqsi '*Did i understand correctly that it was as if the boy came down from the sky yes or no?*' Wieġeb '*Yes*'. Jispjega '*Because I did not see something coming from the glass I did not see the kid or something, anything's coming like something down, and then I protect my head like that, I get out of the car..*' Jgħid li kien taħt shock tant li lanqas felah joħroġ il-*mobile* mill-but biex iċempel pulizija u ambulanza. Jgħid li l-imputat beda jgħajjat biex iċemplu pulizija u ambulanza. Jgħid li l-imputatah il-mobile tiegħu iżda ma felahx jafas in-numri. Jgħid li ilu jaf lill-imputat mis-sena elfejn u sitta (2006) ftit xhur wara li ġie Malta. Ftit drabi telgħa miegħu fil-karozza u jikkumenta li jsuq normali. Huwa jgħid li kienu għaddew iż-żewġ traffic lights u li t-tnejn kienu ħodor.

Fis-seduta ta' nhar it-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) il-partijiet eżentaw lil Qorti milli terġa tisma' x-xhieda kollha li diġa nstemgħu kif ukoll il-produzzjoni ta'

dokumenti ġia esebiti qabel ma ġiet assenjata l-kawża u ddikjaraw li qed jistrieħu fuq il-provi miġbura. Ġie preżentat il-proċess verbal bin-numru 4325/15.

Fis-seduta ta' nhar it-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **Mario Buttigieg** li esebixxa r-relazzjoni tiegħu, għaraf il-firma tiegħu a fol 26 tar-relazzjoni u qal li ma għandu xejn xi jżid jew xi jnaqqas.

Fl-istess seduta ta' nhar it-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet **Christine Wright** bil-lingwa Ingliża li qalet li taħdem ma' St. John Ambulance u kienet ma' kollega tagħha Elizabeth Saliba. Tgħid li marru jixtru mingħand l-Agenda u l-inċident seħħ waqt li huma kienu l-Aġenda. Is-sales girls qalulhom x'kien ġara biex imorru jassistu u jaraw x'ġara. Tgħid li meta marret fuq il-post assistew lit-tifel iżda l-inċident ma rawhx iseħħ. In kontro-eżami u dwar l-akkużat tgħid li kien malart jibki tgħid li '*We thought that he was actually his relatives the way he was crying.*' Hi għarfet lill-akkużat fl-awla. Ċemplet lill-ambulanza għalih peress li kien f'*shock*. In ri-eżami tgħid li ma semgħet xejn mill-Aġenda.

Fl-istess seduta tat-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet **Elizabeth Sharon Saliba** bil-lingwa Ingliża tgħid li bħala professjoni hi Health and Safety Officer imma hi voluntiera ma' St. John Ambulance. Tgħid li fit-tletin (30) ta' Mejju kienet on duty ma' St. John Ambulance Luxol Grounds. Tgħid li fil-ħin kienu fuq break u hi u Christine marru jixtru pakkett sigaretti. Qasmu t-triq u marru fil-ħanut tal-magazines u bdew iħarsu lejn il-kotba. Waħda mis-sales persons qalet li taħseb li xi ħadd intlaqat b'karozza għalhekk hi u Christine marru fuq il-post u sabu persuna mal-art. Tgħid li Christine bdiet CPI filwaqt li hi ċemplet għall-ambulanza, 112 Mater Dei u lil Domnic Ellul li kien qiegħed isuq l-ambulanza tagħhom biex imur jgħinhom. Hi ma ratx l-inċident iseħħ. In kontro-eżami tgħid li għal bidu ħasbet li l-akkużat kien jiġi mill-vittma peress li kien fi stat ta' xokk, jibki mal-art u kien fi stat ta' paniku. Tgħid li beda

jagħti f'rasu u '*running round*'. Ma tiftakarx jekk qal xi ħaġa. Hi għarfet lill-imputat fl-awla.

Fis-seduta ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) xedhet bil-ligwa Ingliża il-**Professur Marie Therese Camilleri** li qalet li fl-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) hija kienet għamlet '*post mortem examination on Radwan Agin, age 11 years who was involved in an accident and the cause of death was determined as being due to fractured skull and intracranial haemorrhage following a motor vehicle accident.*' Hi preżentat ir-rapport u li huwa mmarkat bħala Doc CA.

Fl-istess seduta ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed bil-lingwa Ingliża **Dr Mario Scerri** li kkonferma li kien appuntat bħala espert tal-Qorti. Jgħid li eżamina lit-tifel li dak iż-żmien l-identita' tiegħu ma kinitx magħrufa u li wara skoprew li kien jismu Radwan Agil. Tgħid li immedjatament mar il-*casualty department*. Jgħid li '*He was resuscitated but due to his grievous injuries he succumbed to his injuries and he was declared dead.*' Jgħid li wara eżamina lil Pancar Fatih li allegatament huwa s-sewwieq tal-karozza li laqtet it-tifel. Jgħid li kien qiegħed isofri shock, '*he could answer questions coherently and was oriented to time, place and person*'. Jixhed li wara mar fuq il-post u eżamina x-xena u ħa ftit ritratti, wara kien preżenti għall-awtopsja u kkonferma li t-tifel kellu '*evidence of severe trauma to the chest, pelvis and mostly to the head and the fatal blow was a fracture of his cranium.*' Jgħid li l-inċident seħħ St. Andrew's Road faċċata Luxol Ground fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015). Huwa preżenta rapport immarkat bħala Doc MS.

Fis-seduta ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet **Dr Abigail Bugeja** bil-lingwa Ingliża li kkonfermat li hija kienet appuntata bħala espert tal-Qorti u kkonfermat u ppreżentat ir-rapport immarkat bħala Doc AB.

Fis-seduta ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed bil-lingwa Ingliża l-**Perit Richard Aquilina** li qal li fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kien maħtur mill-Maġistrat Dr Doreen Clarke '*to draw up a plan of the site where there had been a traffic accident in St. Andrews Road, St. Andrews.*' Huwa esebixxa r-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala Doc RA. Jgħid li dan jinkludi pjanta u deskrizzjoni ta' x'instab fuq is-sit.

In kontro-eżami ikkonferma li din it-triq hija '*major arterial road*' u li t-traffic lights huma '*For a pedestrian crossing.*' Jikkonferma li ma nstabux brakemarks. Mistoqsi jekk dan niżlux fir-rapport qal '*I indicated what had been found. So once there weren't any, I didn't indicate it. Dak tkaxkir dak not brake marks.*' Ikompli jgħid '*...Tkaxkir ta' xi oggett. Kien hemm xi tkaxkir u jidhirli bid-demm ukoll mieghu.*' Huwa intalab jagħmel referenza għal konlużjonijiet tiegħu u qal '*Fuq il-post ma kienu nstabu ebda brake marks li jikkonducu ghal post tal-incident. Ghax jekk kien hemm brake marks ohra u ma jaslux ghal fejn il-vettura, ikunu ta' terzi dawn u l-art kienet xotta.*'

Fis-seduta tad-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **Martin Bajada** li kien maħtur bħala espert mill-Maġistrat Clarke. Huwa qal li kien ingħata mobile phone '*and asked to obtain call profiles for the 30th May, 2015 and to establish whether the phone was in use during the time of the accident. In fact I carried out my analysis and I conclude from the phone and the Melita call profiles that on the 30th May, 2015 at around 15:30 this phone was not in use.*' Huwa preżenta r-rapport tiegħu. Dan huwa mmarkat bħala MB.

Fis-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **PC 874 Wayne Briffa** li qal li nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena l-oħra elfejn u ħmistax (2015) bejn wieħed u ieħor it-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar kien għaddej mat-tfajla tiegħu bil-karozza privata tiegħu minn mal-Coast road, x'ħin wasal kważi ħdejn il-Forum Hotel jgħid li qabżithom karozza Peugeot ħamra number plate ALI 519. Jgħid li din

qabżithom bi speed eċċessiv ħafna fil-fehma tiegħu '*nfatti rrimarkajt lit-tfajla tieghi ara dan kif qieghed isuq. Jiena waqaft hdejn il-lights, jigifieri, hu lahaq qabiżna u baqa niezel. ..*' Jgħid li bħala direzzjoni kien sejjer mill-Forum Hotel direzzjoni lejn San Ġiljan. Hu reġa nnotta l-istess vettura '*qeghda pparkata l-oppost tat-triq bit-tifel jigifieri qieghed mixhud ma' l-art.*' Jgħid li ra tar-red cross jaqsmu, hu kien in-naħa tax-xellug niżlin l'isfel, il-karozza kienet ipparkajta fuq in-naħa tal-lemin din id-darba tħares lejn San Ġiljan '*pero on the opposite side of the lane. Kien hemm tnejn tar-Red Cross li taw l-ewwel ghajnuna lil dan it-tifel.*' Jgħid li jgħaraf il-karozza biss dak il-ħin li qabżu iżda wara rah lix-xufier, huwa għarfu fl-awla.

Mistoqsi dwar it-triq fejn sefa mtajjar it-tifel qal li 'it-triq kull ftit metri hemm it-tabelli tal-lights, go slow, u jirrimarkawlek biex inti tibda tnaqqas ghax hemmhekk gejjin il-lights biex iddur lejn is-Swieqi jew tibqa niezel direzzjoni lejn San Giljan.' It-triq hija dritta u '*u fejn ittajjar it-tifel bl-ezatt hemm salib it-toroq.*' Jgħid li '*Hija two lane fejn qabizna biss fil-liwja bl-ezatt ta' hdejn il-Forum jigifieri hemmhekk hija black spot ghalija.*'

Mistoqsi mill-Qorti '*L-ispeed jippurtani jigifieri l-ispeed minn dak li stajt tikkonstata inti x'kien?*' Wieġeb '*Kbir Sur Maġistrat jien kont ghaddej speed normali bilkemm kont ghaddej 50 kilometru fis-siegha.*'

Fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed il-**Perit Valerio Schembri** li esebixxa Dok. VS. Peress li a fol 260 jirriżulta li x-xhieda ma ġietx reġistrata reġa xehed fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016). Jgħid li r-rapport, primarjament huwa pjanta u xi konstatazzjonijiet li għamel fir-rigward ta' nkarigu li kien ingħata mill-Qorti diversament preseduta. Jgħid li l-inkarigu kien li jagħmlu pjanta ta' St Andrew's road fil-parti fejn hemm iċ-Ċimiterju tal-Ingliżi u jieħu qies ta' karozza li kien hemm fil-compound tal-Pulizija.

Jgħid li l-vettura kienet Peugeot 207 bin-numru ta' reġistrazzjoni ALI 519 u ġie mitlub jagħti l-qisien ta' vettura Peugeot 107 pressa poco ta' sena manifattura 2006. Dwar wisa' tat-triq jgħid li mill-kurdun għall-ewwel linja bajda jigifieri qisu line bajda ta' mat-triq qisu hemm 1.91 metres. Jgħid '*Imbaghad qisu mill-ewwel linja sad-double uninterrupted line fin-nofs hemm 3.9 jigifieri qed nghidu total ta' 5.81 meters*'. Mistoqsi dwar jekk tpoġġi iż-żewġ karozzi ħdejn xulxin fuq l-istess lane fid-direzzjoni minn naħa ta' Buġibba direzzjoni San Ġiljan jgħid li bħala total ta' wisa huma jagħmlu 1.63 plus 1.65 li jiġu qisu 3.3 suppost joqgħodu. Jgħid li hemm double uninterrupted line jiddividu ż-żewġ lanes. Mistoqsi xi jżomm karozza li tkun ġejja mid-direzzjoni ta' Buġibba lejn San Ġiljan taqbeż għal fuq il-lane l-ieħor wieġeb li fiżikament m'hemm xejn.

Fis-seduta ta' nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed l-Espert **Mario Buttigieg** in kontro-eżami fejn mistoqsi dwar il-kwalifiki tiegħu bħala accident investigator jew report wieġeb li kien għamel kors ġewwa l-Universita' ta' Montford mal-Institute tal-Forensic Accident investigators ġewwa l-Ingilterra u kien għadda minn dan l-eżami.

Ġie riferut għar-rapport tiegħu esebit in atti a fol 105 et seq tal-proċess. Ġie mistoqsi dwar kif fir-rapport tiegħu wasal għal konklużjoni li Triq San Andrija hija triq prinċipali. Il-Qorti kkummetat li hi taf li hi triq prinċipali. Mistoqsi kif jgħid li hija triq arterjali magħad fir-rapport jagħmel referenza għar-regola 191, wieġeb li '*jekk tara 6.2 qed nghid li s-sewwieqa ghalkemm dik hija a magor road hemmhekk iridu jsuqu b'velocita' ta' 35 kilometru fis-siegha. Ghaliex? Ghax hemmhekk hemm zewg jekk mhux tlieta pedestrian crossings, jigifieri ma tibqax iktar applikabbli ghal triq maggura li m'ghandek ebda' ostakli. Issa minhabba c-cirkostanzi tat-triq kif inhi wiehed irid inaqqas il-velocita*'.' Huwa ikkonferma li qed jgħid li l-ispeed limit huwa ta' 35 kilometru fis-siegħa peress li hemm żewġ pedestrian crossings u żied jgħid li tintuża ħafna '*hemmhekk hemm il-Luxol Grounds.*'. Mistoqsi dwar din l-asserjzoni hijiex tax-xhud jew ta' Transport Malt u l-Planning

Authority qal li hija asserzjoni tiegħu '*ghax din awtomatikament it is a built up area, hemm il-bini, hemm ground tal-football, hemm hwienet, jigifieri dan mhux xi haga li, hija fattwali, din il-bicca tax-xoghol hi jek issa min bena dik it-triq bena triq maggura go residential area heqq xorta triq toqghod attent.*' Mistoqsi dwar li ma' Transport malta u kemm mal-MEPA llum Planning Authority, hija triq reġistrata bħala arterjali u li l-ispeed limit mhix ta' 35 kilometri fis-siegħa f'dik l-akkwata x'tgħid, wieġeb li jekk qed jgħidu hekk hu ma jaqbilx magħhom. Mistoqsi jekk jaqbilx li t-tabelli li jindikaw l-ispeed f'dik it-triq partikolari m'humiex ta' 35 kilometru fis-siegħa wieġeb li ma jafx. Mistoqsi dwar jekk hemmx residenzi jgħid li hemm '*on the right*', jgħid li aktar l-isfel hemm. Mistoqsi '*Pero din il-kwistjoni tat-35 kilometers per hour din minn fejn tohrog?*' qal li għandek il-Highway Code. Dwar triq li tintuża ħafna, il-veloċita' trid titnaqqas.

Mistoqsi dwar jekk il-pedestrian crossings humiex bil-pellican lights wieġeb li bil-pellican lights, waħda minnhom żgur trid tgħafas il-buttuni. Huwa kkonferma li dik li trid tgħafas il-buttuni tinstab ftit iktar l'isfel minn fejn seħħ l-inċident. Jgħid li anki ta' fejn il-bustop ukoll bil-buttuni.

Mistoqsi x'isimha l-formola li uża biex ikkalkulha l-ispeed li kienet qiegħda tinstaq il-vettura tal-imputat u biex jispjega minn fejn ġabha wieġeb li l-formola tintuża anke mit-tfal li jistudjaw il-physics, jgħid li '*automatikament ghandek il-v li hija final velocity, il-u l-initial velocity, ghandek il-plus.., l-a acceleration u s hija distance, iss ajien l-a dawwartha f'u g ghaliex, ghax awtomatikmant id-driver kien qieghed inaqqas ma kienx qed jaccellera, allura x'hin laqat it-tifel ibbreakja mal-ewwel. Issa peress li din kif ghidna llum il-gurnata l-karozzi huma mghammra bl-ABS allura mhux ha jhallulek break marks kif konna qabel fl-antik, allura mbaghad kelli naghmel test fit-triq biex niddetermina l-co-efficient of friction li hemmhekk il-co-efficient of frictionhija .745 u b'hekk ikun hareg id-distanza mill-kantuniera sa fejn waqfet il-karozza li din hadet 17.3 kilometers per hour.*' Jgħid li din għamlilha bil-vettura tiegħu li hi Peugeot 308 '*jigifieri bazikament ghandha l-istess breakijiet li ghandha tas-Sinjur, jigifieri ma*

*taghmilx differenza jekk qed tuza, u x'inhi l-karozza ghax anki ghamilt referenza hawnhekk meta tara n-Newton's Law of Motion tghidlek li karozza hi x'inhi basta jkollha l-istess breaking system triq tieqaf fl-istess distanza. Jigifieri li qed nghidu jekk karozza miexja b'20 kilometru din triq tieqaf at a certain distance hi x'inhi l-karozza, jibdew minn Mini Minor u jibqghu tilghin sa Xarabank.*' Dwar jekk il-formula għandhiex xi isem partikolari jgħid li le hija formula of movements jagħmluha għal karozzi bażikament.

Mistoqsi jekk jieħux '*in konsiderazzjoni tal-fatt u taghmel differenza jekk il-vittma f'dan il-kaz it-tifel kienx miexi jew kienx wieqaf?*' Jgħid li ma daħalx fiha u ma taghmilx differenza. Jgħid li hu ħa minn meta ntlaqat it-tifel sakemm il-karozza waqfet. Jgħid li '*jekk il-bniedem huwa wieqaf stationary okay u ha jintlaqat b'din il-velocita*' *u jekk ghandek bniedem ha jintlaqat bl-istess velocita*' *ha jmur l-istess ...*' Jgħid '*Ha jtir bhala injuries ha jkollu l-istess daqqiet izda ghalhekk jien ma wzajtx...method, ghax jien stajt applikajt ukoll il-...method, ghax is-.. method hija meta bniedem huwa stationary u ha jintlaqat u kemm jintrema l'barra, ha tkun tista*' *tikkalkula l-velocita*', *pero peress li x'aktarx li dan gera u jien meta hadt ix-xhieda tas-Sinjur hu qal qabad u gera, allura dik m'applikajthiex, u ghalhekk uzajt din il-formola.*'

Dwar meta żewġ karozzi li qegħdin jinstaqu jaħbtu ma' xulxin jgħid li hemm formula kompletament differenti. F'dak il-każ jgħid li trid tuża l-momentum calculations, tikalkula l-masses taż-żewġ karozzi, l-ewwel triq tgħodd il-post impact, imbagħad tara kemm huma l-masses u b'hekk tkun tista' toħroġ il-final, pero trid tkun taf ukoll il-veloċita' tal-inqas ta' karozza minnhom.

Mistoqsi dwar fejn kienet il-ħsara fil-windscreen jgħid li kważi fin-nofs, wara li saret referenza għal fol 180 u 181 tal-proċess ikkonferma li l-ispot f impact li meta lvittma laqat il-karozza il-parti tal-windscreen hija l-parti t'isfel fejn tigi mal-wiper. L-Avukat difensur għamel referenza għall-awturi li l-espert għamel referenza għalihom li jgħidu li l-ispot of impact fuq il-vettura iktar ma tkun il' fuq tfisser li l-ispeed tal-vettura tkun

iktar għolja u hu fir-rapport ikkonkluda li l-ispeed tal-vettura ta' Pancar kienet 70.32 kilometri. Jgħid '*dejjem hemm ukoll il-margin of error f'dawn it-testijiet, ma ninsewx li t-testijiet huma jaghmluhom bejn karozza li tkun ghadejja at a known velocity plus li ghandek pupu a fixed object orrajt? F'dan l-istadju ma kienx, tinsiex hu d-driver huwa kkundizzjonat jaf li meta ha jolqot lil dan il-pupu m'hu ha jiġrilu xejn dan il-pupu. Issa inti mbaghad ghandek li meta f'incident l-affarijiet ha jkunu ferm differenti allura dejjem hemm dik il-margin of error, ghandek dik ir-reaction time kemm kien alert, kif hareg il-pedestrian, ghandek hafna fatturi li bazikament hija within range.*' Mistoqsi xi jkun il-margin of error jgħid li ma jistax jgħid. Jgħid li hemm diversi variables. Jgħid '*l-karozza mill-point of impact sakemm waqfet hadet dik il-velocita' kollha biex waqfet f'dik it-triq.*'

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed l-imputat **Pancar Fatih** bil-lingwa Ingliża. Huwa qal li ilu jgħix Malta għal ħmistax-il sena. Jgħid li huwa impjegat bħala Chef f'Ħal-Qormi u dan għal kważi sena u qabel kien imexxi l-business ta' restaurant fil-Gżira. Jgħid li dak in-nhar tal-inċident wara nofs in-nhar kien fir-restaurant tiegħu u ħabib tiegħu bl-isem Elson Hurur ġie ħdejh. Hu qallu li sejjer San Pawl il-Baħar Piscopo Supermarket biex jixtri għar-restaurant u mar miegħu. Jgħid li mar bil-karozza mill-Gżira sa Buġibba, Elson kien fuq ix-xellug bħala passiġier ħdejh fuq quddiem. Jgħid li madwar is-sagħtejn, sagħtejn u nofs kien Piscopo Supermarket. Jgħid li saq lejn il-ħanut tiegħu fil-Gżira u uża l-Coast road u kien kważi ħdejn il-Forum Hotel l-antika. Jgħid li kien qiegħed isuq '*On the left side of the road*', '*To St Julian's side.*' Jispjega '*near the old Forum Hotel there was a car in front of me and they were abit slow, I overtook them, took them, and as long as I overtook them it was a dual carriageway as I know.*' Mistoqsi '*So you said you overtook this car which was driving in front of you. Which part of the road did you make the overtaking?*' Wieġeb '*On the same lane it was wide enough.*' Mistoqsi '*Where did you make this manuvre, where did you make the overtaking?*' Wieġeb '*On the bend.*' Jgħid li kien qiegħed isuq b'veloċita' ta' '*forty, fifty*' kilometri. Jgħid li għamel l-overtaking u saq l-isfel għal San Ġiljan , jgħid li kien '*on the right side because there was in*

*front of me, after a while there is traffic light and there is a side road when you stop you turn to the Swieqi side, and there is the left side it continue to Saint Julians side, and I just keep driving, I see the traffic light they were green and I kept..'* Jgħid li '*...after the first traffic light I passed the light, traffic light, they were green, then I keep on my lane going on the left side.*'

Xehed li '*I keep continue on my lane on my left side. On the Luxol Grounds side. Then there was a second light further down, before the second light, before I arrive the side of the luxol Ground on my left side as a sudden someone came running out and it was too near my car. I didn't have time to apply the breaks there, I just turned the person I swept the car to the right side of my hand but unfortunately it was too late as it happened there I am really sorry about the boy, and with the impact I think I hit the boy on the left side of the car and the car lift the boy and hit the bonnet, and after that I stopped on the right side of the road on the busstop. I went to check out what happened. Then I went to go out of the car to check the boy, before that I give my mobile to Elson to my friend to call the police or an ambulance please, and I went out of the car to check the boy. I see the boy lying down and I see a nurse coming, I think she was from Red Cross, there is the Red Cross there, and when she turned the boy I see the blood coming out of his mouth and I faint there.*'

Jgħid li ma jiftakar xejn sal-isptar umbagħad qam l-Isptar u kien hemm pulizija u nurses madwuru. Jgħid li staqsewh xi ħaġa iżda ma jiftakarx eżatt. Jgħid li ftit wara ħaduh f'kamra oħra, u ġie raġel li qal li hu espert tal-Qorti u ried isaqsih xi ħaġa u kellmu. Jgħid li telquh mill-Isptar u mar il-Gżira, ġew Pulizija u qalulu biex imur l-Għassa tal-Pulizija. Jgħid li ħallewh l-Għassa sa filgħaxija u peress li ħassu ma jiflahx ħaduh l-Isptar. Jgħid li qatta ftit ħin l-isptar u wara ħaduh id-Depot sat-Tnejn meta kellu l-Qorti. Jgħid li '*I am really sorry about him, it has really changed my life after that.*' Mistoqsi kif inbidlitlu ħajtu jgħid '*I went into trauma*' u mistoqsi jekk ħax għajnuna jgħid li mar għand psychologist Dr Valentina u ma bediex imur xogħol. Jgħid li ma baqax imur ix-xogħol u wara ftit xhur għalaq. Jgħid li bħalissa jaħdem bħala Chef f'restaurant f'Qormi u ilu jaħdem għal kważi sena.

Mistoqsi għal aktar detall '*from the side from where the boy came out running, and how did he come out please, from which side first of all?*' Wieġeb '*From the left hand side but I didn't see him because there is the Luxol Ground wall I think, there is the side road, with the side road there is a wall and I think he came running out.*' Mistoqsi mill-Qorti '*So you never saw him coming out*' wieġeb '*No I just saw something in the beginning I didn't realise what it is, I mean a person, it was everything happen as a sudden.*' Bħala speed jgħid li '*almost 50, around 50.*' Mistoqsi '*...when you said that you were driving strait down, and you said that you saw this boy running out from behind the wall, can you explain to the Court how far were you from the boy when you first saw him?*' Wieġeb '*He was really near the car, I didn't have any time to break I just to avoid him I just as a sudden swerve the car to the right side.*' Mistoqsi dwar il-ħsarat fuq il-vettura wieġeb '*It was in the bumper abit small crack and the bonnet and windscreen, I think the car lift him there and hit the bonnet.*' B'referenza għall-isketch preparat minn Dr Richard Aquilina a fol 231 ġie mitlub jagħmel arrow bil-lapeż biex juri d-direzzjoni minn fejn kien ġej għal fejn kien sejjer. Ġie mitlub jikteb 'X' biex juri minn fejn ħareġ it-tifel. Il-Qorti kkumentat '*Il-posizzjoni korretta hija dik immarkata bil-biro blue.*' Dwar ir-ritratt li jidher a fol 180 jgħid li hi l-karozza tiegħu u jgħid '*I think when the impact happened the car lift the boy and hit the bonnet.*' Hu ġie mitlub idawwar il-paġna u kkonferma li dik il-karozza tiegħu u jgħid li l-ħsarat huma '*On the left side.*'

In kontro-eżami mistoqsi dwar ix-xhud kuntistabbli Wayne Briffa li qal li kien ra lill-imputat għaddej mit-triq b'veloċita' jgħid '*Where it the light I wasn't that much speed*', il-Qorti kkummentat '*In the Coast Road you were still on the Coast Road.*' wieġeb '*Yes could be 60 I drive sometimes 60 on the Coast Road but not I mean very very fast.*' Mistoqsi dwar is-Sinjuri Davis wieġeb '*I remember they were going in front of me if you are talking about them. They were driving 30, 40, they were very slow.*' Mistoqsi kif kien qiegħed isuq hu jgħid '*Almost 50 and overtook them I mean I wasn't in hurry.*' Mistoqsi mill-Qorti '*30, 40 for you is very slow?*' Wieġeb '*Not I mean, as I know in that area it is more abit, but they were i mean*

*where I overtook them it is a dual carriageway I mean, there is where I overtook them not before or after.*' Ma jiftakarx il-kulur tal-karozza ta' dawk. Mistoqsi '*As you were approaching, you know there are a set of lights okay, and crossings, your speed did you keep your speed the same?*' Wieġeb '*Yes more or less.*' Jgħid li hemm two lanes u li '*I was more on the left side.*'

Mistoqsi '*Could you tell us why you stopped several meters down the road and on the other side?*' Wieġeb '*Because with that speed I just towards the boy I swerved the car to the right side and I don't remember where I stopped exactly.*'

Fis-sebgħa (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet **Dr Valentina Bezzina** wara li ġiet eżentata minn kwalunkwe sigriet professjonali. Tgħid li hi Counseling Psychologist u tiprattika mill-Klinika Health Plus il-Ħamrun, Santa Venera, jgħid li tara lil klijent tagħha bejn l-erbgħa u s-sebgħa ta' filgħaxija u Fatih kien wieħed mill-klijenti tagħha fl-elfejn u ħmistax (2015).

Xehdet li Fatih ġie riferut għandha mill-Psikjatra Dr Mark Xuereb. Kien ġie għall-ewwel session fit-tlieta (3) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015). Ġie għandha wara l-inċident tat-traffiku li seħħ f'Pembroke. Tgħid li kellhom bejn wieħed u ieħor erba' (4) *sessions* bejn Ġunju u Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015). Dawk is-sezzjonijiet aktar minn terpaija użathom aktar ta' support work ma' Fatih wara t-trawma u x-xokk li għadda minnu. Spjegat li '*Mill-ewwel session, Fatih beda jispjegali ftit x'gara fl-incident. U he was tearful, fis-session u anke t-tieni, qisu ma' setax jorqod. L-irqad kien affettwat ukoll. Jigifieri beda jesperjenza hafna sintomi ta' xokk u ta' trawma wara l-incident. Hassu ddispjacut hafna, hassu mdejjaq hafna. Kien aware li dan l-incident biddel hajtu kompletament. Hassu helpless hafna peress li ma seta' jagħmel xejn biex ibiddel l-affarijiet. Kien fi stat ta' xokk kbir, speċjalment fl-ewwel session. U dan ix-xokk ukoll beda jaffettwa ovvjament ukoll il-hsibijiet tieghu, l-irqad u r-rutina tieghu.*'

Mistoqsi mill-Qorti '*X'kien qallek li gralu?*' Wieġbet '*Bazikament irrakkuntali ftit l-incident. Minn dak li niftakar ovjament. Ghax issa kwazi sentejn, Imma kien spjegali li dakinhar kien qed, parti mir-rutina tax-xoghol tiegħu u kien qed isuq lejn il-hanut li ghandu, tax-xoghol tieghu. Kien fil-karozza ma' xi hadd iehor u f'daqqa wahda qisu raw xi haga quddiem il-karozza u mbghad qisu dak kien l-incident. Kien spjegali li ma kien ra lil hadd jaqsam it-tirq. Kien spjegali li kien ta' xokk kbir. Kien spjegali li din kienet rutina ta' kuljum, ghax kien juza dik it-triq ta' spiss. U mbghad wara kien spjegali l-istat ta' xokk li kien fih. Jigifieri he was feeling very numb, very shocked, paralyzed with the trauma of what happened. U dak hu u mbghad qisu bhala konsegwenza, kien evita jsuq. Fil-fatt ghas-sessions, niftakar illi kien wasslu xi hadd. Kien qal li wasslu xi hadd. Jigifieri ghal certu perjodu ta' zmien, kien qed jevita jsuq il-karozza. U mbghad qisu fl-ahhar zewg (2) sessions li kellna, wahda nahseb f'Ottubru, kien qalli li fl-ahhar qisu beda jerga jsuq bil-mod il-mod. Jigifieri x-xokk, l-istat ta' xokk beda jghaddilu bil-mod il-mod.*'

Tgħid li f'Novembru kien qalilha li reġa beda jsuq u li kien qed iħossu ftit aħjar. Pero' meta jiftakar jerġa jaqa' f'ħafna emozzjonijiet overwhelming pero' fl-istess ħin beda jgħidilha li l-ħajja ried ikompli, bix-xogħol u rutina ta' kuljum. Tgħid li kellha referral mingħand il-Psikjatra Dr Mark Xuereb.

Fis-seduta ta' nhar id-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed **Emanuel Zammit**, enforcrment manager ġewwa Transport Malta. Dwar Triq Sant' Andrija ġie mistoqsi jekk din taqax taħt ir-responsabbilta' ta' Transport Malta jew tal-Kunsill Lokali. Huwa spjega li taqa' taħt ir-responsabbilta' ta' Transport Malta għaliex hija triq arterja. Jgħid li mar fuq il-post riċenti '*Forsi gimgha ilu*' u ħa numru ta' ritratti on site. Ġew esebiti ritratti mmarkati bħala EZ u EZ1. Jgħid li r-rittatti ħadhom ġimgħa, ġimgħatejn ilu. Mistoqsi jekk bhala sinjali, t-tabelli f'dik l-akwati humiex l-istess bħall-2015 jgħid li ha jippreżenta site plan bit-tabelli li kienu gew approvari f'Ġuju 2016 immarkat bħala Dok EZ2. Jgħid li f'Mejju 2015 bħala tabelli ma kienx hemm differenza minn dawn. Jgħid li l-probabilita' bħala Transport Malta huwa li jżidu mhux inaqsu tabelli. Mistoqsi mill-Qorti '*X'zidtu ma li kien hemm?*' Wieġeb '*Ma rrizultalix. Dawn huma.*' Jgħid li '*Bhala*

*stat ta' fatt, ma hemm l-ebda tabella li tindika l-ispeed limit ta' dik iz-zona.*' Jgħid li l-liġi tgħidlek kemm għandhom ikunu l-ispeed limits. Huwa rrefera għal SL 65.11 il-Highway Code Regulations. Jgħid li "*private cars in towns and villages*" qegħda fifty (50) u outside towns or villages qeghda eighty (80). Jgħid '*F'dan il-każ jekk, issa l-interpretazzjoni jekk hux gol-village jew barra l-village.*' Jgħid li hija triq arterjali.

Ikkunsidrat;

Illi in breve l-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għal ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar (15:30) l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu tat-tip Peugeot 207 minn Baħar iċ-Ċagħaq direzzjoni lejn San Ġiljan wara li kien mar San Pawl il-Baħar u ried jirritorna lura dak iż-żmien ir-restaurant tiegħu fil-Gżira;
2. Illi waqt li kien għaddej minn Triq San Andrija, Swieqi safa mtajjar il-minuri Rodwan Agil mill-appellant bil-konsegwenza li ftit tal-ħin wara l-minuri ġie ċċertifikat mejjet ġewwa Mater Dei.
3. Illi sussegwentement inħarġu l-akkużi indikati.

Illi l-aggravji tal-esponenti jikkonċernaw interpretazzjoni ħażina tal-liġi u apprezzament żbaljat tal-fatti. Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs</u>**

**Guzeppi Bilocca**[6] :

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[7]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [8]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[9]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[10]" u ohrajn.'* (Emfażi miżjuda u dati tas-sentenzi miktuba bħala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Il-Qorti kompliet tikkunsidra:

*'Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* ***LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY*** *fil-kawza "**R. v. Cooper**"[11] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)* (Dettalji dwar din il-kawża kif ċitata fl-appell ċitat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna*):-*

---

[6] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)

[7] Deċiz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994;

[8] Deċiz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989;

[9] Deċiz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991;

[10] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991;

[11] [1969] 1 QB 276

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**[12]). (Referenza tal-kawża miktuba aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

*Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**"[13], inghad illi :-*

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta .... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament"*. (Referenza tal-kawża miktuba aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

L-Ewwel Qorti ma kelliex l-opportunita' li tisma' x-xhieda kollha mressqa iżda fis-seduta ta' nhar it-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) il-partijiet kienu eżentawha milli terġa tisma' x-xhieda li kienu ġia xehdu qabel ma l-kawża ġiet assenjata

---

[12] (1991) , p. 1392

[13] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Diċembru 1994;

lil Qorti preseduta mill-Qorti li ddeċiediet is-sentenza appellata. Madankollu l-Ewwel Qorti għandha d-dmir li tifli l-provi kollha sabiex tasal għal konklużjonijiet tagħha u din il-Qorti tvarja biss id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li l-Ewwel Qorti waslet għal deċiżjoni li ma setgħetx raġonevolment u legalment tasal għaliha.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel aggravju jiprovdi li l-Ewwel Qorti ma kelliex issib ħtija tal-ewwel akkuża stante li l-inċident kien ikkawżat unikament minħabba negliġenza da parti ta' Rodwan Aghil. L-ewwel akkuża taqra li '*B'nuqqas ta' ħiseb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħarris ta' regolamenti ikkaġuna l-mewt ta' Rodwan Aghil, tifel ta' għaxar snin u dan ai termini tal-artikolu 225 tal-Kap 9*'.

Dwar dak li jeħtieġ li jiġi pruvat fl-ambitu tal-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Jesmond Micallef) vs Magdalen Abela'**[14] ġie kkunsidrat:

'*Kif inghad fis-sentenza* ***Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et***[15], *"Skond l- Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju (jew ferita gravi kif inhu il-kaz in desamina), hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut*

[14] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-3 ta' Settembru, 2015 (Kumpilazzjoni numru: 1139/2012)

[15] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998

*dannuz involontarju".* (Dettalji tal-kawża ċitata jinsabu fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l- Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti w ipprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l- interessi ta' terzi.*

*Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal- akkadut.*

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.*

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija vs Leonard Grech</u>*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Settembru, 1990 dik il-Qorti dahlet fid- dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kazi u ccitat il-gurist Francesco Carrara li jghid hekk dwar il-culpa:-*

*"... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo –*

*1. Volontarieta` dell'atto –2. Mancata previsione dell'effetto nocivo – 3. Possibilita` di*

*prevedere."*[16]

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk:*

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*[17]

*U fis-sentenza fuq citata ta' Rini Borg et, gie ritenut hekk dwar il- kondotta kolpuza:*

*"... kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".*

*L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b'"leggerezza" jew "sconsideratezza"*[18] *u kif jghid Antolisei, "L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui".*[19]

*U kif insibu fin-Novissimo Digesto Italiano, "Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positiva dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un*

---

[16] *Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88* ((Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata wieħed (1) fis-sentenza ċitata)

[17] *Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju 2001).* (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata tnejn (2) fis-sentenza ċitata)

[18] *Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67.* (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata tlieta (3) fis-sentenza ċitata)

[19] *Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.* (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata erbgħa (4) fis-sentenza ċitata)

*agire senza cautela."*[20]

*Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et****, fuq citata inghad illi "L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".*

*In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil- kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal- kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-Manzini: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto".*[21]

*Skond l-imsemmija sentenza, "Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal- prevenzjoni." Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn.*

*Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-Professur Anthony Mamo jghid illi*

*"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the*

[20] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata ħamsa (5) fis-sentenza ċitata)

[21] Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg, fuq citata. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata sitta (6) fis-sentenza ċitata)

*subject of enquiry.*

*Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."*[22]

L-appellant fl-appell tiegħu jippuntwalizza li punt kruċjali tal-każ hi l-veloċita' li biha l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura fil-mument tal-inċident. Il-Qorti ser tibda billi teżamina dak li x-xhieda xehdu dwar dan. John Davis fis-seduta ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehed li '*He was faster than us I don't know.*' Mistoqsi mill-Qorti '*He was faster than you*' wieġeb '*Yes, we were definitely doing forty to fifty, coming to fifty being a residential area.*' Jessica Davis fl-istess seduta dwar il-veloċita' meta sar l-overtaking xehdet li huma kienu għaddejin madwar erbgħin kilometru filwaqt li tgħid li '*He was going by alot faster than what we were going.*' Mistoqsija mill-Ispettur '*How much is alot for you approximately?*' Wieġbet '*Approximately I would say 10 kilometres more.*' Skont ir-rapport tal-Pulizija a fol 40 et seq, senjatamant a fol 48 dwar dak li qal Jon Davis a tempo vergine jiprovdi '*...In my opinion the driver was driving very fast and dangerously.*'

PC874 Wayne Briffa xehed fis-seduta ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn spjega li '*x'hin wasalna kwazi hdejn il-Forum Hotel qabzitna karozza Peugeot hamra number plate ALI 519. Bil-mod kif qabzitna Sur Magistrat qabzitna bi speed ecessiv hafna fil-fehma tieghi, nfatti rrimarkajt lit-tfajla tieghi ara dan kif qieghed isuq.*' Mistoqsi mill-Qorti '*...l-ispeed minn dak li stajt tikkonstata inti x'kien?*' Wieġeb '*Kbir Sur Maġistrat jien kont ghaddej speed normali bilkemm kont ghaddej 50 kilometru fis-siegha.*'

---

[22] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata sebgħa (7) fis-sentenza ċitata)

Elsin Hulur, il-passiġier fil-vettura misjuqa mill-appellant fis-seduta ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) mistoqsi dwar l-imputat '*How was he driving?*' Wieġeb '*Normal*' Mistoqsi biex jikjarfika xi jrid ifisser b'normali qal '*Like fifty, I think so*'. Meta mistoqsi in kontro-eżami reġa qal '*Just normal I can say to speed.*' Mistoqsi '*But what is normal?*' Wieġeb '*Fifty maximum sixty I can say like approximately fifty or sixty.*' B'referenza għal kilometri fis-siegħa.

L-appellant Pancar Fatih xehed fis-seduta ta' nhar it-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn huwa kkonferma li kien seħħ overtaking ħdejn fejn kienet il-Forum Hotel, jgħid li l-karozza ta' quddiemu bdiet issuq bil-mod u li hu beda jsuq '*forty, fifty*'. Mistoqsi '*And the speed that you were travelling with at that time?*'wieġeb '*As I remember almost 50, around 50.*' In kontro-eżami dwar ix-xhieda Davis jgħid li '*they were driving 30, 40, they were very slow.*' U mistoqsi dwar il-veloċita' tiegħu wieġeb '*Almost 50 and overtook them I mean I wasn't in hurry.*'

Fir-relazzjoni ta' Mario Buttigieg immarkata bħala Dok. MB a fol 105, senjatament a fol 123 jgħid '*Illi minn kalkoli li għamel l-esponent irriżulta li Pencar Fatih kien qed isuq il-vettur tiegħu b'veloċita minima ta' ***** (****kph) kilometru fis-siegħa. Dan qed jingħad peress li l-esponent ma jafx b'liema veloċita l-vettura kienet qed tinstaq meta seħħet il-ħabta.*' F'dik il-parti tar-rapport il-veloċita' tħalliet barra. Aktar il-quddiem tar-relazzjoni wara li jiċċita awturi esperti, jikkonkludi li '*mill-istudju ta' dawn l-awturi jidher li Pencar Fatih żgur li kien qed isuq b'veloċita minima ta' sebgħin (70.32kfs) kilometru fis-siegħa. Waqt li dan l-inċident sar f'żero punt tlieta seba erba ta' sekonda (0.374)*' Fir-rapport tiegħu a fol 126 ikompli jgħid li '*Ħareġ manifestament ċar li Fatih kien qed isuq b'veloċita akbar milli suppost u xorta kellu l-obbligu li jnaqqas sew il-veloċita tal-vettura meta hu kien għaddej minn Triq San Andrija, partikolarment fejn kien hemm il-pedestrian crossings.*'

L-espert Mario Buttigieg uża formola biex tiġi stabbilita' l-veloċita qabel ma ġew applikati l-brejkijiet. Fil-konklużjoni tiegħu a fol 129 jgħid li '*Fatih kien qed isuq b'veloċita minima ta' sebgħin (70kph) kilometru fis-siegħa.*' L-espert Mario Buttigieg xehed in kontro-eżami fis-seduta ta' nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) jispjega l-formula biex wasal għal veloċita li biha l-vettura tal-appellant kienet qiegħda tinstaq. Mistoqsi dwar jekk il-ħsarat fil-windscreen kienux fil-parti ta' isfel, wieġeb li kważi fin-nofs. Wara li ġie muri r-ritratti a fol 180 u 181 huwa intalab jikkonferma li l-*ispot of impact* li meta l-vitma laqat il-karozza l-parti tal-windscreen hija l-parti t'isfel fejn tigi mal-wiper. Huwa wieġeb '*Ezatt*'. Huwa jgħid li fit-testijiet li kwota dejjem ikun hemm il-*margin of error*, meta mistoqsi '*Jigifieri l-konklużjoni tieghek ta' 70.32 kilometers fis-siegha li hija kif qed tghid inti soggett ghal margin of error..*' il-Qorti irrimarkat '*Le tieghu mhux soggett ghal margin of error, hu qed jghid soggett ghal margin of error it-testijiet l-ohra.*' Ix-xhud spjega '*Issa jien li qed nghid huwa l-karozza mill-point of impact sakemm waqfet hadet dik il-velocita' kollha biex waqfet f'dik it-triq.*'

L-Ewwel Qorti fost numru ta' konklużjonijiet ikkunsidrat li:

- *Buttigieg jikkonkludi li mill-kalkoli tieghu bejn il-post tal-impatt sal-post fejn waqqfet il-vettura juri li l-velocita' kienet ta' mhux anqas minn 70km/h; f'zona abitata fejn hemm anke skola, centru sportiv u zewg pedestrian crossings.*
- *Id-distanza ta' 26 metru li hadet il-vettura sakemm waqqfet tistrieh fuq in-naha opposta tal-karreggata, turi bic-cjar li ma l-imputat kien reha kull kontroll minn fuqha. Nuqqas ta' kontroll attribwit ghall-velocita' eccessiva li kien qed isuq biha.*

L-appellant jissottometti li r-ritratti tal-vettura a fol 179 et seq u fol 181 juru l-impatt kien aktar fuq il-bonnet tal-karozza u fil-parti t'isfel tal-windscreen, li skont l-appellant jindikaw veloċita' ta' madwar 50 kph dan wara li jiċċita kwotazzjonijiet ta' esperti kwotati mill-Espert Mario Buttigieg fir-rapport tiegħu. In oltre, l-appellant jissottometti wkoll li '*l-kalkolu finali ta' Mario Buttigieg kien skorrett billi c-cifra wzata ghall-kalkolu tad-*

*distanza ma kelliex tintuza*'. Jgħid li dan kien żball gravi fil-kalkoli ta' Mario Buttigieg li wassal anke għall-żball gravi fl-apprezzament tal-provi mill-Ewwel Qorti.

Fl-appell tiegħu, l-appellant jgħid li l-akbar kwistjoni hi li fil-kalkoli tiegħu, Mario Buttigieg uża' d-distanza ta' sitta u għoxrin punt wiehed metri (26.1m) biex jikkalkula l-veloċita' tal-vettura. L-appellant jissotometti li huwa ma applikax l-brakes mal-ewwel iżda dawwar il-vettura biex jevita l-impatt u għalhekk ma kelliex tintuża d-distanza ta' 26.1 metru biex jiġi kkalkulat il-veloċita' peress li porzjoni mid-distanza indikata lanqas kienu qed jiġu applikati l-brakes. L-appellant fix-xhieda tiegħu datata it-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) jgħid li huwa ma applikax il-brake fi kliemu '*I didn't have time to apply the breaks there, I just turned the person I swept the car n the right side of my hand but unfortunately it was too late..*'

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-fatt li l-appellant ma kellux ċans japplika l-brake ifisser li kien għaddej bi speed eċċessiv u li ma kellux kontroll fuq il-vettura, anke jekk din il-Qorti kellha taqbel mal-appellant li porzjoni tas-sitta u għoxrin punt wieħed (26.1) metri tad-distanza ma ntużax il-brake, id-distanza bejn fejn seħħ l-inċident għal fejn spiċċa l-parti leża xorta xorta waħda hija eċċesiva. Għalhekk ma jirriżultax dak li jissottometti l-appellant ossia li l-Ewwl Qorti għamlet żball gravi fl-apprezament tal-provi.

L-appellant jgħid ukoll li l-Highway Code f'diversi istanzi jikkontradixxi l-konklużjoni tar-rapport ta' Mario Buttigieg fosthom f'sezzjoni 281 dwar is-shortest stopping distances. Huwa osservat li Mario Buttigieg matul il-kontro-eżami tiegħu ma ġiex kontradett dwar dak li jipprovdi **Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq** ossia il-**Highway Code** f'sezzjoni 281 komparat mar-riżultanzi tiegħu. Il-Highway code jiprovdi li d-distanza ġenerali biex tieqaf (metri) meta tkun għaddej b'50 kilometru fis-siegħa hija ta' 23 metru waqt li b'64km fis-siegha hija ta' 36 metru filwaqt li l-espert Mario Buttigieg sab id-

distanza kienet ta' 26.1 metri u kkonstata li l-appellant kien għaddej b'veloċita ta' mhux inqas minn 70 kilometru fis-siegħa.

F'regola 272 dwar limitu ta' velocita', il-Highway Code jaqra li f'inħawi mibnija kemm il-darba ma jkunx indikat mod ieħor il-limitu ta' veloċita huwa ta' 50km/h u bnadi oħra 80km/h. Għalhekk għalkemm l-espert Mario Buttigieg a fol 119 jagħmel referezna għal veloċita' ta' 35kph u r-regola 191 fil-Highway Code minkejja li t-triq fejn seħħ l-inċident mhijiex triq residenzjali dejqa iżda hija triq arterjali, din bħall-Ewwel Qorti tagħmel referenza għar-regolament 127 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 li tirreferi għal limiti ta' veloċita, b'dan li karozzi fl-ibliet u fl-irħula ma għandhomx jeċċedi 50 kilometru fis-siegħa. Din il-Qorti sejra wkoll tagħmel referenza għar-regolament tmiena (8) tal-Highway Code li jaqra:

'*Il-limiti ta' nħawi mibnija huma murija b'sinjal li jkollu l-isem tal-belt jew raħal, jew b'sinjal ta' limitu speċċifikat ta' veloċità. Iżda kull ġabra ta' djar li fihom toqgħod jew tista' toqgħod mhux anqas minn mitt ruħ tikkostitwixxi area abitata u ma tistax taqbeż veloċità ta' aktar minn 50 kilometru fis-siegħa.*'

Minkejja il-limitu ġenerali ta' 50 kilometru fis-siegħa, temfasizza li wieħed irid jikkonsisra l-fatturi ambjentali fosthom it-traffic lights u l-pedestrian crossings fit-triq li jpoġġu obbligu fuq is-sewwieqa sabiex inaqsu il-veloċita.

Dwar tħaris għas-saħħa tal-pedestrians, il-Highway Code jipprovdi:

'265. *Meta tavviċina POST TA' QSIM GĦALL-PEDESTRIANS kun dejjem lest biex tnaqqas il-veloċità jew tieqaf sabiex tagħti d-dritta lill-pedestrians< dejjem agħtihom id-dritta fuq dawn il-postijiet. Agħmel sinjal lix-xufiera l-oħra dwar il-ħsieb tiegħek li tnaqqas il-veloċità jew li tieqaf. Aħseb aktar kmieni biex tieqaf meta t-triq tkun imxarrba jew għan-niżla.*

*266. TAQBIŻX vettura li tkun waqfet jew naqqset il- veloċità f'POST TA' QSIM GĦALL-PEDESTRIANS.*

*267. F'postijiet ta' qsim għall-pedestrians ikkontrollati minn sinjali tad-dawl jew mill-pulizija, agħti d-dritta lil kwalunkwe pedestrian li jkun għadu qed jaqsam meta jingħata s-sinjal biex issuq.*

*268. Oqgħod attent għal xi pedestrian li jitfaċċa minnufih minn wara vetturi weqfin jew xkiel ieħor. Oqgħod aktar attent dwar dan ħdejn skejjel u bus stops.*

*269. Meta ddur f'għaqda ta' toroq agħti d-dritta lill-pe- destrians li jkunu qed jaqsmu. F'toroq fil-kampanja oqgħod attent għall-pedestrians u agħtihom ħafna wisa' speċjalment f'liwjiet fuq in-naħa tax-xellug.*

*270. **<u>Ħafna mill-pedestrians li jisfgħu maqtula jew korruti serjament ikunu jew ta' taħt il-ħmistax-il sena</u>** jew 'il fuq minn sittin sena. Tfal żgħar u nies anzjani jistgħu ma jikkalkolawx tajjeb ħafna l-veloċità, u għalhekk, tista' ssibhom fit-triq meta ma tkunx tistennihom. Oqgħod attent għal nies għomja li jista' jkollhom bsaten bojod (bojod b'żewħ faxxi ħomor jirriflettu, jużawhom nies torox/ u għomja), jew ikunu ggwidati minn klieb, u għal nies b'diżabilità jew neqsin mis-saħħa. Ftakar li persuni neqsin mis-smigħ jistgħu ma jisimgħux il-vettura riesqa.* (EMFASI MIŻJUDA)

**271.** *Ogħod aktar attent ħdejn postijiet fejn ikunu jilagħbu t-tfal, minħabba li dawn, aljenati fil-logħob, jistgħu jaqsmu t-triq f'daqqa (per eżempju, biex jiġru wara ballun)*

Il-Highway Code wara li tiprovdi għall-limitu ta' veloċita' f'sezzjoni 272 (f'inħawi mibnija kemm il-darba ma jkunx indikat mod ieħor għal karozzi huwa 50 Km/h), tgħaddi biex f'sezzjoni 273 tiprovdi: *Dawn huma veloċitajiet massimi, iżda jistgħu jinħolqu diversi sitwazzjonijiet fejn il-prudenza titlob veloċċitajiet inqas minħabba l-kwalità tat-triq, il-kundizzjonijiet tat-temp, il-kwantità ta' traffiku, il- preżenza ta' pedestrians u perikli oħra.*

Din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja d-diskrepanza li tirriżulta bejn dak li jiprovdi l-Highway Code f'sezzjoni 281 rigwardanti distanzi biex vettura tieqaf skont il-veloċita' li tkun għaddejja għar-riżultanzi tal-espert Mario Buttigieg, u indipendentement dwar jekk l-appellant għafas il-brake mal-impatt jew le, il-fatt li l-parti leża spiċċat ħafna aktar

l'isfel minn fejn seħħ l-impatt jindika li l-ispeed ma kienx wieħed baxx. In oltre, il-fatt li dan l-inċident ikkawża l-mewt tal-parti leża wkoll jikkonferma li l-parti leża ma kienx sempliċement tmess mill-vettura iżda kien mtajjar fl-arja kif jixhdu x-xhieda konjuġi Davis u instab distanza twila l-bogħod minn fejn seħħ l-impatt. In oltre, l-fatt li l-appellant fix-xhieda tiegħu jgħid '*I didn't have time to apply the breaks there, I just turned the person I swept the car to the right side of my hand but unfortunately it was too late*' ukoll jikkonferma li l-ispeed ma kienx wieħed baxx u li ma kellux kontroll fuq il-vettura.

Il-Highway Code f'regola 158 tiprovdi:

*Issuqx qrib wisq tal-vettura ta' quddiemek u suq b'veloċità hekk li tista' twaqqaf mal-ewwel jekk il-vettura ta' quddiemek tagħmel manuvra f'daqqa u tnaqqas il- veloċità jew tieqaf. L-unika regola żgura hija li qatt ma żżomm qrib aktar mid-distanza ġenerali biex tieqaf (ara d-distanzi tipiċi biex tieqaf u t-tieni regola ġenerali taħt Parir ġenerali).*

In oltre, anke jekk din il-Qorti kellha temmen il-verżjoni tal-appellant li kien għaddej bil-ħamsin kilometru fis-siegħa u mhux bis-sebgħin kif ikkonstata l-espert, jibqa' l-fatt li l-appellant ma naqqas l-ispeed tiegħu hekk kif kien qiegħed javviċina t-traffic lights, tant li kien hemm traffic lights u pedestrian crossing f'distanza daqstant viċina minkejja l-obbligu fuq is-sewwieqa sabiex inaqsu l-veloċita' tagħhom hekk kif ikunu qegħdin javviċinaw traffic lights, dan anke kif hawn fuq spjegat anke jiprovdi l-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq ossia il-Highway Code.

Fix-xhieda tal-appellant ta' nhar it-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa jgħid in kontro-eżami meta mistoqsi '*As you were approaching, you know there are a set of lights okay, and crossings, your speed did you keep your speed the same?*' Wieġeb '*Yes more or less.*'. Din hija ammissjoni ċara li l-appellant ma naqqas l-ispeed hekk kif kien obligat li jagħmel hekk kif kien qiegħed javviċina l-pedestrian crossing u anke tenut

kont tal-fatt li l-inċident seħħ bejn it-traffic lights u l-pedestrian crossing **u mhux fuqhom**.

Kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti '*Hemm qbil anke da parti tal-imputat u l-passigier li kien mieghu, li kien qed isuq minn tal-inqas bejn il-50km/h u s-60km/h, velocita' li facilment tigi milhuqa partikolarment tenut kont li kif jixhed kemm Davies (u l-imputat quddiem il-perit tekniku) traffiku ma kienx hemm. Il-velocita' tizdied tenut kont li t-triq qeghda ghan-nizla u allura l-momentum ta' vettura gejja bi speed milhuq wara li saru zewg overtakings, ma jkunx wiehed baxx.*'

Ikkunsidrat;

L-appellant ikompli jgħid li l-esponent jissottometti li t-tort kollu kien tat-tifel u dan għal numru ta' raġunijiet li l-appellant iniżżel fl-appell tiegħu. Jgħid li l-ebda xhud ma ra lil vittma eżatt qabel ma seħħ l-impatt u jgħid li kollox jindika li t-tifel litteralment qabad u ħareġ jiġri minn side street (wara hajt) ghal fuq triq arterjali. Jagħmel referenza għal ħsarat fuq il-vettura u dwar in-nuqqas gravi tal-vittma meta wieħed jikkunsidra li hemm żewg pellican crossings fil-viċinanzi.

L-appellant fl-appell tiegħu jisottometti '*Illi t-tifel hareg sparat minn side street ghal go triq arterjali u dan minkjejja li kien hareg minn naha fejn hemm hajt li jostakola l-vizjoni tas-sewwieqa nezlin kif kien qed jaghmel l-esponenti (ghalkemm m'ghandux jintesa li dan il-hajt hu mibni fuq bankina li minn fuqha l-vittma seta' jara jekk kienux gejjin karozzi.) Apparti minn hekk, il-velocita' tat-tifel f'dan il-kaz huwa aktar tal-ghageb meta wiehed iqis kif l-esponenti kien qieghed isuq aktar fic-centru tat-triq milli max-xellug ezatt hdejn il-bankina.*' Din il-Qorti taqbel mal-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti ossia li '*kellu vizzwali akbar tan-naha tax-xellug tat-triq izda madankollu naqas milli jintebah bil-presenza tat-tifel li kien hareg ghat-triq arterjali*' iżda l-apellant dwar dan jissottometti li '*l-esponenti ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni. Hadd ma ntebah bit-tifel unikament minhabba l-agir tieghu...*'

L-appellant kellu viżwali tajba, it-temp kien tajjeb, ma kinitx xita u t-triq ma kinitx imxarba, in oltre l-inċident seħħ wara nofs in-nhar meta kien għadu d-dawl fl-aħħar ta' Mejju. Il-fatt li t-tifel intlaqat aktar lejn in-nofs u mhux viċin is-side street aktar jikkonferma li ma kien hemm xejn xi jżomm lill-appellant milli jilmah lit-tifel f'ħin biżżejjed biex jevita l-inċident jew li l-inċident ma jseħħx fil-grad li effettivament seħħ. In oltre minn imkien ma jirriżulta li l-parti leża qabżet għal ġot-triq u allura kreat dik l-*emerġenza subatanea*. F'dan ir-rigward terġa ssir referenza għax-xhieda tal-appellant:

*Dr Busietta: Now Mr Pancar I know it is difficult for you but please bear with me for a few more minutes. So you explained to the Court that after you drove past the first set of traffic lights you were driving on the left hand side, can you please explain to the Court a little more in details from the side from where the boy came out running, and how did he come out please, from which side first of all?*

*Xhud: From the left hand side but I didn't see him because there is the Luxol Ground wall I think, there is the side road, with the side road there is a wall and I think he came running out.*

*Qorti:* ***<u>So you never saw him coming out.</u>***

***<u>Xhud: No I just saw something in the beginning I didn't realise what it is, I mean a person, it was everything happen as a sudden.</u>***

*Qorti: And the speed that you were travelling with at that time?*

*Xhud: As I remember almost 50, around 50.*

*Dr Busietta: So with permission from the Court, when you said that you were driving strait down, and you said that you saw this boy running out from behind the wall, can you explain to the Court how far were you from the boy when you first saw him?*

*Xhud: He was really near the car, I didn't have any time to break I just to avoid him I just as a sudden swerve the car to the right side.'*

Aktar il-quddiem fix-xhieda tiegħu mistoqsi biex jimmarka '*from where did the boy come running out*', jgħid '*I don't know exactly he just came out.*' Huwa qal '*From the side road on the left hand side*' *Huwa* mmarka fuq il-pjanta a fol 231.

Ikkunsidrat;

Issir referenza għat-tgħallim ġurisprudenzjali rigwardanti l-obbligu li sewwieq iżomm *proper look out* u dwar x'tikkosisti l-emerġenza subitanea. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carlo Ellul) vs Francis Vella'**[23] il-Qorti kkunsidrat:

*'Is- sewwieq kien ghaddej minn triq wiesgha, kellu vizwali fit- tul, traffiku hlief ghall- karozza ta' siehbu ma kienx hemm. It- temp kien sabieh. Ma kienx qed isuq b' xi speed. F' dawn ic- cirkostanzi l- Qorti ma tifhimx l- ghala "lil midrub rajtu" in a split of a second ma wicci. Ma rajtux jaqsam it- triq." (fol 57) Il- vittma ghaddiet minn zewg lanes u giet fit- tielet (qrib ic- central strip). Id- demm juri li l- vittma giet imtajjra. Is- sewwieq li kieku kien qed izomm 'a proper look out' kien jara l- vittma. Minn naha l- ohra l- vittma ghamlet kalkoli zbaljati meta dehrila li tista' taqsam.*

*Sewwieq huwa mehlus mill- htija meta f' daqqa isib ruhu f' emergenza u ma jkun jista' jghamel xejn. Dan il- kaz ma kienx hekk. Kien hemm minn naha tas- sewweq nuqqas ta' prudenza normali. Hemm ksur tal- ligi. Izda hemm htija kontributorja minn naha tal- vittma li taqbad u taqsam min naha tat- triq ghall- ohra. Meta gara l- incident fl- 2001 il vittma kellha 58 sena; Imhabba din il- kontributarjeta' l- Qorti mhix taqbel mal- konkluzjonijiet peritali u mal- Magistrat Inkwerenti.*

*Il- Qorti jidhrilha li t- triq jaqsmuha mhux biss zaghzagh hfief izda wkoll nies li jghoddu s- snin, nies li ghandhom diffikulta' fil- mixi. Sewwieq ghandu jzomm dan f' rasu meta jaqbad isuq. Mhux kull min juza t- triq bil- mixi ser ikun prudenti u preciz f' li jghamel. Min hu prudenti jaf*

---

[23] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Marzu, 2006

*x 'tistax' tghamel karozza u ghandu joqghod attent. Il- Qaghda madwaru tista' tinbidel u jrid ikun lest jekk jigri xi haga, dejjem fil- limiti ta' dak li huwa ragjonevoli.*

*Il- kontributorjeta' ta' George Cutajar trid tigi riflessa fil- piena. L- akkuzat qed jigi misjub hati li ma zammx 'a proper look out' u ta' sewqan negligenti ghax ma zammx il- prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s- sinistri stradali. Ma hemmx sewqan bla kont jew sewqan perikoluz. Hemm ksur tar- regolamenti tat- traffiku.'*

Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. D. Zammit) Vs Robert Brincat'</u>**[24]:

*'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : "**<u>Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti</u>**"[25] "ghandu jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tal- habta ." u "Sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm **nexus** fis-sens li l- vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni." (Appell Kriminali : "**<u>Il-Pulizija vs. Nazzareno Micallef</u>**"[26]). "Il-vjolazzjoni tar-regolamenti stradali ghandhom indubbjament l-importanza taghhom imma ma humiex bizzejjed biex jistabilixxu l-htija tal-kollizzjoni." (Appell Kriminali **"<u>Il-Pulizija vs. V. Pavia</u>"**[27]) .* (Dettalji dwar din il-kawża kif ċitata fl-appell ċitat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna*)*

*L-abbli difensur tal-appellant, ghalkemm mhux qed isemmiha espressament, donnu jidher li qed jinvoka d- difiza tas-"sudden emergency" ghax qed jallega li l- pedestrian qasmet meta d-dawl kien ahdar, haga li pero' lanqas qalha l-appellant lis- Surgent Gerada a tempo vergine. Issa pero', kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"<u>Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera</u>"**[28]:*

---

[24] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali Numru: 298/2007)

[25] *Kollez. Vol. XXXVII , iv. p.1217*

[26] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Diċembru, 1960

[27] Kollez. Vol. XXXVI , iv. p.744

[28] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Diċembru, 1968

*"Driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-"sudden emrgency" meta l-emergenza jkun holoqha hu."* (Dettalji dwar din il-kawża kif ċitata fl-appell ċitat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)'

'*Gie ukoll ritenut li : "Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal- pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il- pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."( App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"[29])*** (Dettalji dwar din il-kawża kif ċitata fl-appell ċitat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

*Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li:-*

*"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ." (App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. Alfred Caruana"[30])*** (Dettalji dwar din il-kawża kif ċitata fl-appell ċitat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna*)*

*"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit- traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu , jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-*

---

[29] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Ġunju, 1954 Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859

[30] Deċiża mill-Qorti tal-Appel Kriminali nhar l-14 ta' Mejju, 1955; Kollez. Vol. XXXIX, p.iv p.1031

*iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il- velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikuezza." (App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. George Muscat"***[31] *)* (Dettalji dwar din il-kawża kif ċitata fl-appell ċitat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna*)*

*Gie ukoll ritenut li "ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.." "Jekk il- pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid- driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghid dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva." (App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. J. Formosa"***[32]***)*** *F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l- emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. J. Thornton"***[33]***)*** *jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "****Il-Pulizija vs. Cassar Desain****"*[34]*)* (Dettalji dwar din il-kawża kif ċitata fl-appell ċitat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna*)*

*Il-Corte di Cassazione Taljana , meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabiliet li f' kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta*

---

[31] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju,1961 Kollez. Vol. XLV p.iv. 947

[32] Kollez. XLIII, p.iv. p.1023.

[33] Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920

[34] Kollez. Vol. XLVI . p.iv. p.765

*jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet :-*

*a) "che il-conducente , per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistara il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*

*Ikkonsidrat;*

*Kif gja intqal, l-appellant kien qed javvicina "pedestrian crossing" minn fejn facilment seta jipprevedi li qed jew ser jaqsmu n-nies. L-appellant a tempo vergine hareg bil- versjoni li ma hi korroborata minn hadd li kien hemm grupp ta' nies jaqsmu minn fuq il-pedestrian crossing u biex jevithom gibed lejn ix-xellug u tela' fuq l-bankina. F' ebda hin ma jsemmi li l-lights kienu hodor ghalih u lanqas biss jaf li laqat u tajjar lil Karen Pace, u dan minkejja li kien instema hoss ta' habta al menu mix-xhieda Coleiro w Mifsud u li inkiser xi hgieg fil-vettura minnu misjuqa. Ma jghidx li ra lill-pedestrian li intlaqtet lanqas.*

*Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".(App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. Joseph Vella"*** [35]*) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali :* ***"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"*** [36]*). "Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well." ("****Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."****)*[37]

---

[35] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Awissu, 1963

[36] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Ġunju, 1961

[37] [1968].

(Dettalji dwar din il-kawża kif ċitata fl-appell ċitat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna*)*

*Illi mill-istat tal-provi kif inhu , jirrizulta li Karen Pace qasmet min-naha tal-bini lejn in-naha tal-bahar fuq pedestrian crossing meta t-traffic lights kienu jippermettulha li taqsam u li l-appellant - jew ghax kien qed jara doppju minhabba l-effett tax-xorb li kkonstata s- Surgent fuq il-post tal-incident - effett li l-appellant ghamel minn kollox biex ma jigix konstatat kemm meta rrifjuta li jiehu l-breathalyser test kif ukoll meta sparixxa mill-isptar - jew ghax ma kien qed jara xejn , minnflok waqaf ghax skondu ra gemgha nies qed jaqsmu, gibed lejn ix-xellug u spicca tela' anki in parti fuq il-bankina tan-naha tal-bini w b' dana kollu lanqas jaf li laqat lil Pace. Din il-versjoni tal- appellant moghtija a tempo vergine lis-Surgent Gerada, ma ghandhiex mis-sewwa, mhux verosimli u mhux attendibbli lanqas sal-grad tal-probabbli w din il-Qorti ghalhekk taccetta bhala aktar kredibbli w veritjiera l- versjoni moghtija mill-vittma Pace. Wiehed jistaqsi legittimament ghaliex l-appellant hass il-htiega li jigbed fuq ix-xellug u mhux jieqaf? Ghax ma kienx attent bizzejjed? Ghax ma kellux kontroll tal-vettura? Jew ghax ma kien qed jara xejn? F'kull kaz u f' kull ipotesi dan ikun jammonta ghal sewqan hazin fi grad tali li jammonta ghal sewqan perikoluz u li poggieh taht "a self inflicted incapacity" li jevita li jinvesti lil Karen Pace . Ghalhekk hu hati kemm tal-ewwel kif ukoll tal-hames imputazzjoni.*

*Illi mbaghad, anki kieku l-pedestrian forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam, dan ma jezonerax lis- sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex - apparti mill-fatt li fuq il-pedestrian crossing hi kellha tinghata precedenza mill-awtista - f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal- pedestrian f' dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali:* ***"Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri"***[38] ***"Il-Pulizija vs. John Polidano"***[39] ***"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud"***[40] *u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-"contributory negligence" ma*

---

[38] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-*16 ta' Marzu, 1961;*

[39] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-*3 ta' Novembru, 1963;*

[40] *Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131*

*tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim."**<u>Il- Pulizija, vs. P.Vassallo",</u>**[41]<u>).</u> Umbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian, – li din il-Qorti ma ssibx li jirrizulta – dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar.'* (Dettalji dwar din il-kawża kif ċitata fl-appell ċitat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna*)*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. Jessica Grima) vs Alan Agius'</u>**[42] ġie kkunsidrat li- '*L-awtur **Mario Codagnone** fil-ktieb tieghu "Casi pratici in materia di circolazione stradali"*[43] *jghid: "riteniamo che allo stato attuale delle cose si imponga in anzi tutto un affermazione di principio: la strada e` di tutti. Essa e` un bene al qui utensa i cittadini tutti sono ammessi con parità di diritti e di doveri ed oseremo anzi dire con maggiori doveri da parte di co loro che la dominano alla guida di mezzi che, per le loro intrinsiche caratteristiche di velocità e potenza, possono costituire anche solo per questo, un immanente pericolo per la circolazione."* (Emfażi miżjuda)

*'Dan il-principju kwindi filwaqt illi jirrikonoxxi illi kulhadd ghandu dritt ikun fit-triq min ikun qed isuq però jrid joqghod aktar attent mill-pedestrian minhabba perikolu li tista' tikkawza vettura anki f'mument ta' aljenazzjoni. Kien proprio dan il-hsieb illi wassal lill-ewwel Qorti biex ticcensura lill-appellant ghan-nuqqas ta' proper look out.*

*L-awtur **Gibb** fil-ktieb tieghu "**Collisions on Land**"*[44] *jghid: "If the plaintiff was struck immediately after he stepped off the kerb onto the roadway, the position is the same as in the case of his attempting to cross a street, the Court may refuse to believe that he had looked and failed to see the car. If, however, the plaitiff walked quite a distance before he was struck, it is less likely that the accident was unavoidable on the part of the motorist."*

---

[41] *Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883*

[42] Deciża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Lulju, 2013 (Appell Kriminali Numru: 556/2012)

[43] pagna 51

[44] section 148

*F'dan il-kaz il-vittma lahaq qasam bicca sew mit-triq qabel ma ntlaqat mill-vettura fi triq illi kienet imdawwla sew u ma kien hemm l-ebda raguni il ghala l-appellant ma kellux jinduna bil-vittma kwazi magenb il-karozza tieghu. Fil-fatt l-appellant lanqas induna b'xejn il ghaliex huwa irrealizza illi seta' gara xi haga meta hass id-daqqa mal-karozza fuq in-naha tal-lemin tieghu fejn allura kollox kien in plain view u ma kien hemm l-ebda ostakolu bejn il-pozizzjoni tas-sewqan tieghu fuq il-lemin u l-vittma tavvicina minn fuq il- lemin illi ma jarax il-vittma f'distanza daqshekk qasira. Anki li kieku l-appellant kien mohhu fil-pelican lights, b'daqshekk ma jfissirx illi ma kellux jinduna bil-vittma tersaq lejh proprju min-naha tas-sewqan tieghu.*

*L-appellant jista' jargumenta illi l-vittma wettaq certa nuqqasijiet meta qasam it-triq fi stat ta' sokor. Dana, però, mhuwiex ta' konfort ghall-appellant. Fil-kawza Said versus Fountain*[45] *il-Qorti qalet, "F'materja ta' danni kagunati f'incident tat-traffiku, xejn ma jiswa biex jezenta minn kull responsabiltà lill-awtur tad- danni l-fatt li l-attur li jfittex id-danni kien kontraventur meta gie investit minn karozza, u li l-kontraventur ma jimmeritax il-protezzjoni tal-ligi, ghaliex hu principju ormai pacifiku fil-ligi li min qieghed isuq karozza ghandu juza l- mezzi kollha biex jigu evitati l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' haddiehor; u jekk ma juzax dawn il-mezzi, huwa jkun legalment responsabbli avolja hu jkun qieghed josserva rigorozament ir-regolamenti."*[46]*. L-istess jinghad fil-kawza Il-Pulizija versus Mifsud*[47] *"Anke fl-assenza hawn Malta, ta' regolamenti li jiddixxiplinaw lill-pedestrians hu cert li, anki meta jkun fil-carriageway il-pedestrian huwa intitolat ghall-uzu ta' diligenza ordinarja mill-parti tad-drivers f'dik il-carriageway. Il-pedestrian li jaqsam it- triq ghandu d-dritt kollu li d-driver juza d-diligenza mehtiega biex jevitah, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement, u d-driver ghandu jkun ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'pozizzjoni li ma setax jevita l- investiment tal-pedestrian."*

*L-appellant kien qieghed isuq fi triq principali ta' San Pawl il-Bahar, triq mimlija hwienet u*

---

[45] Vol. LXLII, part 1, pagna 15

[46] (*ara ukoll XXVII, part 1, pagna 988; XXIV, part 4, pagna 740; XXX, part 4, pagna 616, 625)*

[47] *XXXVIII, part 4, pagna 859*

*stabbilimenti kummercjali frekwentata b'nies il-hin kollu li mhux necessarjament juzaw iz-zebra crossing biex jaqsmu min-naha ghall-ohra tat-triq. Min ikun qieghed isuq f'dawn ic-cirkostanzi ghandu l-obbligu u d-dover illi juza l-massimu ta' attenzjoni biex jara illi anke f'kaz ta' xi hadd illi jaqsam it- triq b'mod erratiku jkun f'pozizzjoni illi jevita illi jinvesti lil dik il-persuna. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal- ewwel Qorti li f'dawn ic-cirkostanzi l-appellant ma uriex proper look out u jara dak illi kien in plain view. Il-vittma ma giex fuq il-karozza tieghu minn xi blind spot jew min- naha tax-xellug fejn forsi l-appellant jista' jargumenta illi kien f'pozizzjoni illi ma jarax lill-vittma tavvicina l-vettura. F'dan il-kaz il-vittma giet min-naha tal-lemin f'pozizzjoni ben vizibbli ghall-appellant illi kieku kien qed izomm il- mimimu ta' proper look out. Imma lanqas daqshekk ma kien qieghed izomm biex lanqas induna bil-prezenza tal- vittma u kien biss mad-daqqa illi rrealizza illi lanqat lil xi hadd. L-appellant argumenta illi ma kellux jinstab responsabbli ta' kollox peress illi l-vittma fl-istat ta' sokor li kien fih zgur illi ikkontribwixxa ghal dan l-incident. L-ewwel Qorti fil-fatt irrikonoxxiet dan u filwaqt illi ittemprat id- decizjoni taghha ghal dak li jirrigwarda t-tip ta' sewqan billi sabet lill-appellant hati biss ta' sewqan traskurat u bla kont, dehrilha illi kellha tkun mita fl-ghoti tal-piena minhabba proprju din ic-cirkostanzi. Din il-Qorti ma ssibx raguni illi ghandha tiddisturba din id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Joseph Grech'</u>**[48] ġie kkunsidrat:

*'Fil-fehma tal-Qorti, sinjifikanti huma s-segwenti cirkostanzi: (1) ftit istanti qabel l-impatt bejn il-vettura u Raymond Spiteri, mart l-istess Spiteri kienet ratu kwazi diga qasam it-triq, u daru lejha; (2) Raymond Spiteri kien qed igorr kaxxa tal-banana li kienet mimlija frott u haxix u li fi kliem martu kienet tqila hafna; (3) din il-kaxxa instabet maqluba mal-genb tat-triq bil-kontenut taghha mxerred kemm lejn ix-xellug tat-triq kif ukoll 'l quddiem (jigifieri fid- direzzjoni ta' fejn kien sejjer l-appellant); u (4) il-hsara fuq il-vettura tal-appellant u t-tracci mhollija kienu*

[48] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Ġunju, 2003 (Appell Kriminali Numru. 140/2002)

*jindikaw li Spiteri intlaqat bin-naha ta' quddiem tax-xellug tal- Mercedes. Mill-kumpless ta' dawn ic-cirkostanzi din il- Qorti tikkonkludi li, mghobbi kif kien bil-kaxxa, Spiteri ma setax ghamel li movimenti ghal gharrieda (bhal, per ezempju, johrog jigri ghal gol-karraggjata ta' l-appellant). Anke jekk wiehed kellu jassumi, kif qed jassumi l- appellant, li Spiteri kif qasam iz-zewg karreggjati (u meta kien ghadu bil-kaxxa f'idejh) ghamel pass lura (jekk kien ghadu daru lejn martu) jew, jekk kien diga dar, ghamel pass il-quddiem b'mod li gie fil-karreggjata ta' l-appellant, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant ma rahx. Huwa veru li kien id-dlam u l-post mhux wiehed imdawwal (anzi dak iz-zmien ma kien hemm dawl xejn); pero` d-dwal tal-vettura ta' l-appellant kellhom ikunu bizzejjed biex huwa jara lil xi hadd fuq il-margini tat-triq. Fi kliem iehor din il- Qorti, bhall-ewwel qorti, hi tal-fehma li l-appellant ma zammx "a proper lookout", u li dan in-nuqqas kien kawza efficjenti (anke jekk biss in parti, jekk wiehed jassumi li kien hemm xi imprudenza da parti ta' Spiteri) tal-incident u tal-hsara li garrab l-istess Spiteri.*'

Ikkunsidrat;

L-appellant jagħmel numru ta' sottomissjonijiet relatat mas-sottomissjoni tiegħu li l-każ seħħ minħabba tort uniku tal-parti leża. Jemfasizza li dan huwa l-każ peress li ħadd ma ra lil vittma qabel l-inċident, li t-tifel qabad u ħareġ minn *side street* wara hajt għal fuq triq artjerjali, il-ħsarat kienu fuq in-naha minn fejn ħareġ it-tifel, nuqqas gravi meta jikunsidra li hemm żewġ pelican crossings fil-viċinanzi u l-ħajt jostakola l-viżjoni tas-sewwieqa neżlin li kien qed jagħmel l-appellant. Jirrimarka dwar il-velocita' tat-tifel in vista li jgħid li l-apellat kien qiegħed isuq aktar fiċ-ċentru tat-triq.

Din il-Qorti sejra tagħmel referenza għar-regoli appikabbli għal pedestrians u għat-tgħallim ġurisprudenzjali dwar l-obbligi imposti fuq il-pedestrians. Illi l-**Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq** ossia il-**Highway Code** tagħmel numru ta' rakkomandazzjonijiet lil pedestrians f'dak li jirrigwarda l-qsim ta' triq:

'22. *L-ewwel sib post bla periklu minn fejn taqsam. Ħafna aħjar li taqsam minn subway,*

*pontijiet għall-passaġġ bil- mixi, islands, zebra (postijiet ta' qsim għall-pedestrians) jew pelican crossing, jew fejn hemm post minn fejn taqsam taħt il-kontroll ta' uffiċjal tal-pulizija, school cross- ing patrol jew gwardjan tat-traffiku. Inkella agħżel post minfejn tkun tista' tara sew in-naħat kollha. Ipprova evita li taqsam minn bejn vetturi pparkjati u kisriet f'daqqa u l- quċċata ta' telgħat. Mur f'post fejn is-sewwieqa jkunu jistgħu jarawk sew.*

*23. Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk iħallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun ġej xi ħadd. Tersaqx qrib ħafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk żomm lura mit-tarf tat-triq iżda kun żgur li tista' tara t-traffiku li jkun ġej u li t-traffiku jkun jista' jara lilek.*

*24. Ħares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistgħu jiġu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, għax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah.*

*25. Jekk tkun ġejja xi vettura, ħalliha tgħaddi. Erġa' ħares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u inti tkun żgur li hemm ħafna ħin. Ftakar, anke jekk vettura għadha 'l bogħod, tista' tkun riesqa b'veloċita` kbira.*

*26. Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq – tiġrix, tmurx laġenba. Ibqa' ħares u issemma' għat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-każ li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-każ li jitfaċċa xi traffiku għallarrieda.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Albert Lia</u>** [49] fejn dik il-Qorti kienet illiberat lill-imputat mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu wara li kkunsidrat il-fatti speċi tal-każ:

*'Illi fil-fehma tal-Qorti huwa car li l-parti leza mhux biss hadet riskju meta ddeciediet li taqsam it-triq traffikuza bil-mod li qasmitha u kif gie ndikat hawn fuq, imma hi naqset li tosserva r-regoli fondamentali dwar qsim tat-triq u dana stante li l-Qorti hija sodisfatta li l-parti leza*

[49] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) nhar il-1 ta' Ġunju, 2015 (Kawża numru: 722/2013)

*naqset milli thares kif hija obbligata li taghmel meta giet biex taqsam it-triq, li l-Qorti tazzarda tghid minhabba x-xita li kienet niezla. Min-naha l-ohra huwa car ukoll li l-imputat kien qed isuq b'mod tajjeb, meta f'daqqa sab il-parti leza ma' wiccu u gara li gara. Di fatti, bl-imprudenza taghha l- pedestrian kreat lis-sewwieq emergenza subitanea imprevedibbli, li rrenda impossibbli jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva da parti tal-imputat (Il-Pulizija vs. J. Formosa, kwotata hawn fuq).'*

Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca**[50] :

*'Illi dan hu kaz ta' investiment ta' pedestrian. Illi gie ritenut "in subiecta materia" illi l- "pedestrian" ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il- "pedestrian" ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid- "driver" tal-car milli juza dak il-grad ta' "reasonable care" li tinhtieg. Dana kollu jinghid sakemm ma tkunx giet mill- "pedestrian" krejata lid-"driver", bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva. (ara Appell Kriminali ;* ***"Il-Pulizija vs. J. Formosa"***[51]*) F'sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l- emergenza subitanea tavverra ruha , e.g. "meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi movement insolitu w inaspettat" (App. Kriminali :* ***"Il- Pulizija vs. J. Thornton"***[52]*) jew meta "pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il- bankina , jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq ; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il- karozza." (App. Kriminali* ***"Il-Pulizija vs. Cassar Desain"***[53]*).*

*Mill-banda l-ohra pero', gie ukoll ritenut li driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas- "sudden emergency" meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali:* ***"Il- Pulizija vs.***

[50] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)

[51] *Vol. XLIII. P. iv p. 1023*

[52] *Vol. XLV. p. iv. p. 920*

[53] *Vol. XLVI. P.iv. p.765*

***Capt. A. Gera"***[54]*). Dan ghaliex f' kaz simili d-driver ikun qieghed isofri minn "self inflicted incapacity" effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.*

*(...)*

*Issa f'dan il-kaz l-Ewwel Qorti, ghalkemm ikkonkludiet li l- "pedestrian" Joseph Fenech seta' kkontribwixxa ghall- incident bil-mod kif qasam triq principali ftit qabel iz-zebra crossing li tidher fuq il-pjanta u li dan kien nuqqas serju tal-vittma, sabet lill-appellant hati ghax ma rax il-vittma qabel l-incident u minhabba speed eccessiv tal-appellant, li ma kienx indikat ghal sewwieq li kien qed javvicina zebra crossing.*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti li meta l-appellant xehed li ma rax lil vittma Fenech x' imkien fit-triq jew diga' mal-gemb tat-triq 'il quddiem minnu, kemm jekk kien lahaq qasam jew ghadu qed jaqsam minn quddiemu, ma kienx qed jati spjegazzjoni plawsibbli ghal dak li gara, ghaliex kieku kien qed izomm "a proper lookout", zgur li f' xi hin kien jara lil Fenech 'il quddiem minnu, jew mal-gemb tat-triq jew addirittura qed jaqsam minn quddiem il-car tieghu. Ma hemmx dubju f' mohh din il-Qorti li dan in-nuqqas tieghu li jara sew x' qed jigri quddiemu kien kawza prossima w determinanti tal- incident.*

*Lanqas ma jirrizulta li l-appellant kien rinfaccjat minn xi emergenza subitanea. Fil-kaz in ezami bil-fatt li l-appellant jidher li ma kienx qed izomm "proper lookout", kien pogga ruhu taht dik li tissejjah "a self inflicted incapacity" li jirmedja tempestivament ghal xi moviment tal-pedestrian - jekk verament kien hemm - li seta' b' xi mod ikkaguna l- incident. Hu evidenti li biex il-pedestrian, ragel ta' eta' avvanzata w mghobbi b' gabbjun tqil lahaq qasam il- wisgha tat-triq ta' 10.9 metri kollha jew kwazi kollha, bil- fors li kien ilu fil-karreggjata w allura suppost "in plain view" tal-appellant. Ghalhekk, jekk kif jghid l-appellant, hu kien ghaddej bi speed baxx suppost li rah mil-boghod bizzejjed biex ikun jista' jirrallenta w ihallih jaqsam u b' hekk l-incident kien jigi evitat. Mill-banda l-ohra jekk l- vittma kien diga' lahaq qasam u kien ghaddej mal-gemb tat-triq miexi lejn l-isqaq u l-appellant xorta laqtu hemmhekk ghax ma rahx, forsi ghax resaq xi ftit 'il*

---

[54] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-*13 ta' Diċembru, 1968*

*gewwa meta qabzitu l-karozza l-hamra, xorta wahda jrid jirrispondi ghal-sewqan hazin.*

*Illi anki jekk kellu jirrizulta li meta beda jaqsam il-vittma kien imprudenti ghax suppost ra l-vettura tal-appellant gejja mil-boghod, wiehed ma jridx jinsa' li proprju ftit piedi boghod minn fejn instab fl-art il-vittma hemm pedestrian crossing fejn il-pedestrian suppost li kellu precedenza. Dan ikompli izid il-grad ta' attenzjoni li suppost kien qed jezercita l-appellant f' dik il-parti tat-triq li maghha kien "ex admissis" familjari hafna w fejn kien jaf li kien hemm pedestrian crossing.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Puizija (Spt. S. Micallef) Vs Haden Vella'**[55] ġie kkunsidrat:

'*Kif gja intqal, l-appellant kien qed javvicina "pedestrian crossing" minn fejn facilment seta jipprevedi li qed jew ser jaqsmu n-nies li setghu ikunu ma jidhrux minnhabba l-cars ipparkati mall-gemb fuq in-naha tax-xellug tieghu. Kien ghalhekk jinkombi fuqu li jipprocedi b' kawtela biex, f' kaz li jixref xi pedestrian minn wara dawn il-vetturi , hu jkun jista' jieqaf hesrem. Minnflok jidher li hu kien ghaddej b' velocita' oghola minn dik detata mill-fatturi ambjentali tal-lokalita' u tal-mument, skond ma jista' jigi dedott mill- "brake marks" li halliet warajha l-car tieghu. Jekk mat-tul ta' dawn il-brake marks wiehed umbaghad izid it-"thinking distance" li necessarjamnent ipprecediet l-ghafsa tal- brake, jigi li mhux attendibbli l-appellant meta jghid li l- pedestrian hasditu ghax hu jigi li bil-fors kien raha meta kien ghadu certa distanza (madwar 20 metru jew ftit aktar) 'l boghod mill-post fejn kienet qed taqsam Busuttil u li allura kieku kien qed isuq bi speed dettat mill-fatturi ambjentali tal-mument, kien jilhaq jieqaf "short of" u qabel ma jinvesti lill-pedestrian.*

*Illi fir-rizoluzzjoni ta' responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim. **"Il- Pulizija vs. Emmanuele Grixti"**[56] u sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall- kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l- vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni. (App.Krim.**"Il-Pulizija v.***

[55] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Lulju, 2007 (Appell Kriminali Numru: 220/2007)

[56] Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217

***Nazzareno Micalleff"***[57]*.) Ghalhekk is-sewqan tal-appellant qabel l- incident kien indubbjament il-kawza prossima tas-sinistru.'*

Illi kif ġie kkunsidrat fil-kawża fl-ismijiet **'Pulizija Sp. Pierre Micallef Grimaud vs Neil Anthony Fenech'**[58]: *'Illi din il-Qorti wara ezami rett tal-fatti kif emergew mill-provi akkwiziti hija tal-fehma li dan l-incident huwa **unikament** attriwibbli ghas-sewqan b' velocita' qawwija u nuqqas ta' 'proper look out' u inosservanza ta' regolamenti ta' traffiku da parti tal-imputat-sewwieq. Dan in-nuqqas jirradika r- responsabilita' kriminali naxxenti mill-Artikolu 225 tal-Kap.9 fil-konfront tieghu.*

*Il-Qorti tosserva li hemm provi sodisfacenti fis-sens li dan kien qed isuq bi speed qawwi sa tal-grad li ma kienx fil-posizzjoni li jikkontrolla l-vettura tieghu fis-sekondi precedenti l-incident.*

*Ma kienx diligenti fis-sewqan tieghu sa tal-grad li huwa la ra lill-Giljan Borg li kien fuq il-bankina vicin iz-zebra crossing u lanqas lill-ohtu Helen li dak il-hin kienet qed taqsam it-triq. F' dan ir-rigward huwa rrelevanti l-fatt sostnut mid- difiza – li Helen Borg setghet ma kienitx qed taqsam ezattament fuq l-istrixxi taz-zebra crossing. Dato ma non concesso, anki jekk dan kien minnu, il-Qorti tosserva li sewwieq ghandu d-dover legali li jesercita dik id-diligenza necessarja, avut rigward ghall-konfigurazzjoni tat-triq, sabiex jara dak kollu li jkun hemm quddiemu fit-triq – u l-incident gara fit-triq. Izda mill-provi rrizulta ex admissis li huwa **lil Helen Borg nduna biha u raha biss meta kienet fuq il-bonnet tal-vettura tieghu.!** (vide deposizjoni akkuzat dok.AG fol.39).*

*Inoltre, ma hemm prova li tindika li Helen Borg kienet negligenti waqt li kienet qeda taqsam; anzi il-provi manifestament juru li hija kienet kawta hafna, tant li ma qabditx u qassmet f' heffa kif ghamel huha Gilju, izda qaghdet tistenna sakemm ibatti t-traffiku. (vide xhieda Giljan Borg fol.27).*

---

[57] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Diċembru, 1960

[58] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Settembru 2001 (Kump. 17/00)

*Huwa opportun li jinghad li din l-Qorti kellha l-opportunita' li tisma l-provi viva voce, u xi uhud minnhom ghal izjed minn darba, u ghalhekk setghet tosserva l-komportament tax-xhieda fuq il-pedana; u hija tal-fehma li l-versjoni ta' Giljan Borg hija aktar veritiera minn dik ta' Michael Gauci – partikolarment dwar minn liema naha tal-bankina qassmet Helen Borg.*

*Illi n-nuqqas ta' diligenza fis-sewqan da parti tal-imputat tirrizulta aktar manifesta fid-dawl tal-kostatazzjonijiet fattwali dwar il-lok tal-incident mghamula mill-perit tal-Qorti. Dan osserva li it- triq kienet xotta u mdawwla tajjeb. Di piu' 75 metru l' fuq miz-zebra crossing kien hemm avviz lis-sewwieqa dwar il-esistenza ta' din il-pedestrian crossing lis-sewwieqa li kienu gejjin mill-istess direzzjoni minn fejn kien niezel l-imputat.*

*Ghaldaqstant l-imputat kellu jkun jaf li fil-vicinanzi, aktar l' isfel, kien ser jigi vicin zebra crossing, u ghalhekk kellu d-dmir li jirrallenta l-velocita' tieghu sufficjentement sabiex ikun fil-posizjoni li jieqaf fil-hin jekk din tkun qeda tintuza. Inoltre l-grad ta' diligenza u z-zamma ta' 'proper look out' kellhom ikunu aktar akuti f' dan il-kuntest.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Mario Angelo Ernest Vincent Zammit'**[59] sentenza anke ċitata mill-appellant fl-appell tiegħu wara numru ta' kunsiderazzjoniiet u referenzi għall-ġurisprudenza, ikkunsidrat u ddeċiediet:

'*Ghalkemm Angelo Borg ikkontribwixxa b'mod sostanzjali ghall-incident, l-appellant ma jistax jezimi ruhu minn kull responsabilita`. Filwaqt illi ma jirrizultax illi kien qieghed jeccedi l-velocita` massima regolamentari, il-velocita` prudenti hi dettata mill-fatturi ambjentali tal-mument. L- appellant kien gej minn kurva fit-triq, kien hemm fuq ix- xellug tieghu vetturi pparkjati li setghu jaghtu x'jifhem li kien hemm xi persuni fl-inhawi u li fil-fatt minhabba dawk il-vetturi kellu jersaq aktar lejn nofs il-karreggata, kellu vettura qed taqilghu, u l-wicc tat-triq ma kienx wiehed tajjeb peress illi l-asfalt kellu hafna qsim. Dawn kienu kollha cirkostanzi li kienu jissuggerixxu rallentar fil- velocita` tieghu. Il-velocita` li l-appellant kellu ma*

[59] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Settembru, 2009 (Appell Kriminali Numru: 315/2006)

*ppermettitlux li jzomm tempestivament u l-anqas li jaghmel xi manuvra ohra effikaci. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta qieset lill-appellant responsabbli in parti ghall-incident.*'

Dak li l-appellant jidher mill-appell tiegħu li qiegħed isosti hu li l-imprudenza tal-parti leża ħolqot emergenza subitanea li rrendiet lill-appellant f'impossibilta' li tittieħed azzjoni tempestiva evasiva. L-espert Mario Buttigieg fir-rapport a fol 107 jgħid li '*rriżulta illi Rodwes Aghil qabad u qasam mit-triq sekondarja li hemm ħdejn il-parking erja tal-Luxol Grounds meta spiċċa mtajjar minn vettura.*'

Din il-Qorti terġa tagħmel referenza għax-xhieda tal-appellant ta' quddiem l-Ewwel Qorti datata it-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn xehed:

*Xhud: From the left hand side but I didnt see him because there is the Luxol Ground wall I think, there is the side road, with the side road there is a wall and **I think** he came running out.*
*Qorti: **So you never saw him coming out.***
*Xhud**: No I just saw something in the beginning I didn't realise what it is, i mean a person, it was everything happened as a sudden**.*' (Emfażi miżjuda)

Aktar il-quddiem fix-xhieda tiegħu meta mistoqsi:

*Dr Busietta: So with permission from the Court, when you said that you were driving strait down, and you said that you saw this boy running out from behind the wall, can you explain to the Court how far were you from the boy when you first saw him?*
*Xhud: He was really near the car, **I didn't have any time to break I just to avoid him I just as a sudden swerve the car to the right side**.*' (Emfażi miżjuda)

Fix-xhieda tal-appellant quddiem l-espert Mario Buttigieg nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) jiġifieri l-għada tal-inċident huwa xehed '*As I was drivng at a velocity of fifty (50 kph) kilometes per hour, all of a sudden a boy ran out from the side road. Upon being questioned from where did the boy actually cross i.e. whether from the pavement or from the road, I reply that I do not remember as the accident was so fast that I did not have time to react and apply the brakes. All that I remember was that I swerved to the right but I still hit the child with the consequence that I finished off the road.*'

Filwaqt li l-passiġier Erian Hulur fid-deposizzjoni tiegħu quddiem l-espert Mario Buttigieg xehed '*I never saw the child walking on the pavement. From the corner of my eyes I only saw something coming to my direction. I placed my hands over my face after the glass scattered.*' Fix-xhieda tiegħu ta' quddiem il-Qorti datata t-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehed li '*... I don't kwow where the kid is coming first I think from down he coming,...*'

Il-parti leża qasam minn punt perikoluż ferm minflokk ma utilizza il-pedestrian crossing li kienet tant viċin. Dan ir-riskju kien kbir meta tikkunsidra li sabiex jaqsam għan-naħa l-oħra kellu l-ewwel jaqsam il-karreġġata minn fejn ikunu nieżlin vetturi ġejjin minn-naħa ta' Baħar iċ-Ċagħaq lejn id-direzzjoni ta' San Ġiljaan, biex wara jaqsam il-karreġġata l-oħra fen ikun hemm vetturi għaddejjin mid-direzzjoni opposta jiġifieri minn San Ġiljan lejn Baħar ic-Cagħaq. Kif ikkunsidra l-espert Mario Buttigieg a fol 119 '*din it-triq tintuża l-aktar minn sewwieq li jgħaddu fost il-ġimgħa specjalment fir-rush hours, meta s-sewwieqa jkunu jridu jgħaddu minnha sabiex imorru x-xogħol. Illi ġie osservat li din it-triq għandha żewġ karreġjati u li taħdem b'sistema ta' two way system. Intant ġie osservat li t-triq hija dritta u inklinata.*

*Illi fuq il-post fejn seħħ l-inċident insibu li l-wiċċ ta' din it-triq huwa moderament tajjeb.*'

Minkejja dan in-nuqqas da parti tal-parti leża, xejn ma jindika li kien hemm emerġenza subitanea li l-appellant ma setgħax jevita. Għalkemm l-inċident ma seħħx fuq il-pedestrian crossing u lanqas fuq it-traffic lights iżda fil-viċinanzi, xorta waħda li kieku l-appellant kien qiegħed iżomm dak il-*proper look* out mistenni minnu, kien jilmah lil parti leża ferm qabel ma seħħ l-inċident. Fil-kamp penali n-negliġenza kontributorja ma teżonerax lil akkużat mir-responsabbilta' kriminali iżda din il-Qorti kif ser jiġi kkunsidrat aktar l-isfel tħoss li għandha tkun riflessa fil-piena.

L-Ewwel Qorti iddedikat parti mis-sentenza tagħha għan-negliġenza kontibutorja da parti tal-vittma u wara analiżi ta' ġurisprudenza u regoli tal-**Highway Code.**

Ikkunsidrat:

*'Illi maghdud dana kollu ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-minuri ma osserva l-ebda wahda minn dawn ir-regolamenti u ghalhekk kellu rwol kbir f'dan i-sinistru stradali meta qabbad u hareg ghal got-triq bl-addocc f'sitwazzjoni fejn hija thalla jjmur jixtri wahdu minghajr is-supervizjoni ta' xi adult. Jibqa' l-fatt li mill-provi akkwiziti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li ghalkemm kien hemm dan in-nuqqas mill-paarti leza meta naqas li juza l-pedestrian crossing, xejn ma jnaqqas mill-fatt bhala rizultat taas-sewqan traskurat u perikoluz da parti tieghu, l-imputat ikkawza l-mewt ta' Rodwan Aghil.'*

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li kienet hemm nuqqasijiet da parti tal-parti leża li kif ikkunsidrat setgħu kkontribixxew għall-inċident in kwistjoni, tant li kien hemm *pedestrian crossing* ftit l'isfel minn fejn seħħ l-inċident u ċertament li ma qasamx minn post sigur anke tenut kont tal-ħajt li jista' jatti l-viżwali tas-sewwieqa, iżda ma taqbilx li kien hemm xi emeġenza subitanea. Li kieku l-appellant kien qiegħed iżomm dak l-*proper look out* mistenni minnu bi speed addattat, tenut kont li l-inċident seħħ wara nofs

in-nhar u mhux fid-dlam bil-lejl, f'temp tajjeb u fi triq niexfa, l-inċident setgħa jiġi evitat jew li altrimenti li ma jseħħx fil-grad li seħħ.

Għaldaqstant, jirriżulta li l-prosekuzzjoni irnexxila tipprova li l-appellant kien kolpevoli ta' nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ta' traffiku. L-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

Ikkunsidrat;

It-tieni aggravju jirrigwarda li l-appellant ma kellux jinstab ħati tat-tieni akkuża stante li ma jirriżultax li l-appellant kien saq b'mod perikoluż, traskurat jew bla kont. Din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti u bħall-appellant tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Alfred Mifsud'**[60] fejn ġie kkunsidrat:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il- grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'ghandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.*

***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu*

---

[60] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju, 1997

*għal terzi jew għall-proprjeta' taghhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara ċ- ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin w il-lokalita' tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema każ, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena, il-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluż." (ara The Police vs Charlotte Chamberlain[61]);'*

Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. D. Zammit) Vs Robert Brincat'</u>**[62]:

*'Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta , jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. **<u>Pul. vs. Charles Bartolo</u>**[63]; **<u>Pul. vs. Wilson</u>**[64], u **<u>Pul. vs. Alfred Vella</u>**,[65]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **<u>Pul. vs. Hardingham</u>**,[66]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. **<u>Pul. vs. Charles Farrugia</u>**[67].) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye ".(App. Krim. **<u>Pul. vs. Joseph Aquilina</u>**[68],). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser*

---

[61] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Mejju, 1996

[62] Deciża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali Numru: 298/2007)

[63] Deciża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Marzu, 1959

[64] Vol. XXXIX p. 1018

[65] Vol. XLIV ; p. 933

[66] Deciża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Ottubru, 1963

[67] XXXIX p. 1018

[68] Deciża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' April, 1963

*nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs. Antonio Spiteri*** [69]*,)*

*Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali :* ***"The Police vs. Gunner Brian Wilson"*** [70]*li :-*

*"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving."* [71]

*Umbaghad fl-Appell Kriminali :* ***"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"***[72] *gie ritenut li ;- "sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari ."*

Ikkunsidrat;

B'referenza għall-provi jirriżulta li l-appellant kien qiegħed isuq b'mod perikoluż, traskurat u bla kont u dan stante li quddiem l-Ewwel Qorti dehru tlett xhieda, żewġ sewwieqa u passiġier li lkoll ftit tal-mumenti qabel ma seħħ l-inċident ikkumentaw dwar il-mod ta' kif l-appellant kien qiegħed isuq tant li l-appellant kif xehdu dawn ix-xhieda u anke kif ammetta l-appellant stess anke għamel overtaking f'*bend*.

---

[69] Vol. XLIV , p.892

[70] Deċiż nhar is-7 ta' Mejju, 1955

[71] ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Manwel Mallia"** [9.3.1959] u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo** " [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament

[72] Deċiża nhar *it-3 ta' Mejju, 1953 Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108*

John Davis fix-xhieda tiegħu datata t-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) ta' quddiem l-Ewwel qorti diversament preseduta minn dik li ddeċiediet il-kawża appellata jgħid:

'*Basically on the way back up by the Coastal road the turning coming down to Saint Andrew*'*s road my wife and I, she owns a motoring school, we were driving around forty to fifty kilometres an hour, and then we noticed a red Peugeot coming up close behind, tail-gating essentially and then overtakes us on the corner. My wife and I commented in English, she said what a nob*' Aktar il-quddiem fix-xhieda tiegħu meta mistoqsi mill-Qorti '*So the red Peugeot which was in front of you obviously had the same set of lights, did he drive through them?*' Wieġeb '*Yes.*' Fix-xhieda tiegħu quddiem Mario Buttigieg a fol 118 jgħid li '*Whilst we were near the bend he over took us.*' Jessica Davis fix-xhieda tagħha ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehdet dwar l-overtaking li seħħ ftit qabel l-inċident, hija qalet '*We looked at them and they looked back and I said what an idiot to be overtaking on the bend.*'

Issa huwa korrett dak li jippreċiża l-appellant li l-inċident ma seħħx mal-overtaking iżda qabel. L-appellant fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti jgħid '*near the old Forum Hotel there was a car in front of me and they were abit slow, I overtake them, took them, and as long as I overtook them it was a dual carriageway as I know.*' Dwar fejn seħħ l-overtaking jgħid '*On the bend*'. Għalkemm l-overtaking ma seħħx fejn seħħ l-inċident iżda aktar qabel, xorta waħda jagħti indikazzjoni tat-tip ta' sewqan li kien qiegħed isuq bih. Il-Highway Code filfatt jimponi numru ta' restrizzjonijiet għall-overtaking kif jidher hawn taħt:

***184.*** *TAQLAX VETTURI OĦRA meta tkun qed tavviċina:*

- *post ta' qsim għall-pedestrians, pelican crossing jew traffic lights;*
- *triq li tagħqad m'oħra;*

- *kantuniera jew liwja iebsa;*
- *il-quċċata ta' għolja;*
- *post fejn il-livell tat-triq ikun se jitbaxxa u jerġa' jogħla f'daqqa.*

***185.*** *TAQLAX VETTURI OĦRA:*

- *fejn it-triq tidjieq;*
- *meta biex tagħmel hekk iġġiegħel vettura oħra toħroġ minn triqitha jew tnaqqas il-veloċita`;*
- *meta ma jkunx hemm spazju biżżejjed u fejn il-viżibilta` ma tippermettix li tagħmel dan mingħajr periklu;*
- *meta jkun hemm ħafna vetturi wara xulxin quddiemek jew xi vettura li hi stess tkun diġa` qed taqla' jew li meta taqla' vettura oħra jkun perikoluż jew diffikultuż għal dak il-ħin.*

PC874 Wayne Briffa fis-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) li inserta għaddej minn ħdejn fejn kienet il-Forum Hotel jgħid li '*kont ghaddej mat-tfajla tieghi bil-karozza privata tieghi minn mall-coast rooad, xhin wasalna kwazi hdejn il-Forum Hotl qabzitna karozza Peugeot hamra number plate ALI 519. Bil-md kif qabżitna Sur Magistrat qabzitna bi speed eccessiv hafna fil-fehma tieghi, nfatti rrimarkajt lit-tfajla tieghi ara dan kif qieghed isuq.*' Għalhekk jirriżulta li s-sewqan kien wieħed negliġenti u bla kont, kien ukoll perikoluż tenut kont taċ-ċirkostanzi fosthom il-fatt li ma naqqas l-ispeed meta għadda minn fuq it-traffic lights u meta kien qiegħed javviċina pedestrian crossing aktar l'isfel, bir-riżultat li tefa lilu nnifsu fl-impossibilta' li jevita l-inċident u/jew li l-inċident ma jkunx tad-dinamika li kien.

Kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, il-fatt li sar l-overtaking f'continuous white line, b'karreġġata waħda fuq kull naħa tat-triq '*jikkostitwixi sewqan*

*perikoluz f'zona li hi abitata u fejn hemm skola u centru sportiv, u meta qed tigi avvicinata blind corner!*'

Għaldaqtsant għal dawn ir-raġunijiet u għal kunsiderazzjonijiet magħmulha dwar l-ewwel agravju, dan it-tieni aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

Ikkunsidrat;

It-tielet aggravju jirrigwarda li l-Ewwel Qorti ma kelliex issib ħtija tat-tielet akkuża stante li ma giex sodisfaċentement determinat sewqan eċċessiv;

Din il-Qorti terġa tagħmel referenza għall-estratti ta' xhieda li għamlet referenza għalihom fil-konsiderazzjonijiet tagħha tal-ewwel aggravju. Illi x-xhieda ossia is-Sinjuri Davis u PC874 Wayne Briffa kkonfermaw li l-appellant kien għaddej bi speed aktar milli kienu għaddejin huma, b'PC 874 Wayne Briffa juża l-kliem '*speed eccessiv*' b'referenza għal fejn seħħ l-*overtaking* fejn kienet il-Forum Hotel iżda mhux għal fejn seħħ l-impatt. Elsin Hulur fix-xhieda tiegħu ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) li kien passiġier mal-akkużat juża l-kelma '*normal*' meta mistoqsi dwar l-ispeed li kienu għaddejjin bih diversi drabi. Huwa jgħid li madwar ħamsin jew forsi sittin kilometru fis-siegħa, filwaqt li l-imputat jgħid li madwar ħamsin kilometru fis-siegħa.

L-espert Mario Buttigieg fir-rapport tiegħu a fol 105 et seq sab li l-appellant kien għaddej b'veloċita minima ta' 70.32 kilometru fis-siegħa. L-appellant kif ġia spjegat fil-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel aggravju ma jaqbilx ma kif l-espert wasal għal din il-veloċita' għal numru ta' raġunijiet fosthom li l-appellant jgħid li ma aplikax il-brakes iżda dawwar il-vettura u li d-distanzi ta' waqfien skont il-veloċita' li vettura tkun għaddejja minnha ma jaqbilx ma' dik li l-Highway Code tipprovdi s-sezzjoni 281.

Din il-Qorti terġa tagħmel referenza għal kunsiderazzjonijiet tagħha magħmulha dwar l-ewwel aggravju fejn jirriżulta ampjament li apparti li l-appellant kien għaddej bi speed aktar mix-xhieda l-oħra tant li dawn ikkumentaw dwar is-sewqan tiegħu ftit mumenti qabel l-inċident u tant li l-appellant rnexielu jagħmel *overtaking* ta' żewġ karozzi u għalhekk neċessarjament kellu jżid l-ispeed, iżda jibqa' l-fatt li tenut kont tat-triq fejn seħħ l-inċdent, kif spjegat dan l-inċident jirriżulta li seħħ viċin ta' traffic lights u pedestrian crossing li kien qiegħed javviċina ifisser li kellu jnaqqas l-ispeed li kien għaddej bih, dan effettivament ma għamlux. In oltre l-fatt li l-parti leża spiċċat dawk il-metri kollha l-bogħod minn fejn seħħ l-impatt jikkonferma li kien hemm sewqan eċċessiv da parti tal-appelant.

Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. S. Micallef) Vs Haden Vella'</u>**[73]:

*Illi mbaghad gie ukoll ritenut li : "speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari ghal dik il- lokalita' izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill- fatturi ambjentali tal-mument." (App. Krim.* ***"Pul. vs. R. Bugeja"***[74]*). Jidher li f'dan il-kaz l-speed tal-vettura misjuqa mill-appellant kien oghola minn dak li kien jippermettilu li jwaqqaf il-car tieghu tempestivament f' kaz ta' bzonn minghajr ma jinvesti xi pedestrian li hu facilment seta' jipprevedi li jkun jew tkun qed taqsam fuq iz-zebra crossing minn wara l-vetturi pparkjati.*

*Dan il-fattur tal-ispeed, ghalkemm forsi ma jeccedix dak regolamentari ta' 50kfs ghall-lokalita' kien certament fattur determinanti tal- incident u kien jirrendi s-sewqan tieghu meta qed javvicina pedestrian crossing fejn kellu l- vizwali tieghu ostakolata bhala sewqan ta' x' jimpurtani li jirrendieh kemm negligenti kif ukoll perikoluz.'*

---

[73] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Lulju, 2017 (Appell Kriminali Numru: 220/2007)

[74] Deċiża fit-30 ta' Ġunju, 1962

Għaldaqstant, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għad-deċiżjoni ta' ħtija li waslet għaliha u għalhekk kemm l-apprezzament tal-fatti kif hawn ikkunsidrat u l-interpretazjoni tal-liġi li għamlet l-Ewwel Qorti sar b'mod korrett.

Ikkunsidrat;

Ir-raba' aggravju jirrigwarda l-piena fejn l-appellant jgħid li l-piena hija sproporzjonata meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u l-ġurisprudenza stabbilita f'każi simili.

L-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant tnejn u tletin (32) xahar priġunerija, ordnat skwalifika minn kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' erba (4) snin, il-konfiska tal-vettura a favur il-Gvern ta' Malta u ordni għal ħlas tal-ispejjeż tal-esperti.

Illi ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Jason Zammit'</u>**[75], fejn ġie ikkunsidrat li '*Kwantu ghall-piena tas-sospensjoni tal-licenzja tas- sewqan, din il-Qorti taqbel perfettament ma' l-ewwel qorti li din kellha tkun ghal periodu twil. L-appellant wera li ma jafx isuq karozza minghajr ma jkun ta' perikolu ghal haddiehor, u l-qrati ghandhom id-dmir li jipprotegu lis- socjeta` billi jimponu periodi twal ta' sospensjoni f'kazijiet simili b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja tali periodu.*'

---

[75] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar 11 ta' Marzu, 2003 (Appell Kriminali numru: 274/2002)

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Pulizija Sp. Pierre Micallef Grimaud vs Neil Anthony Fenech'</u>**[76] in kwantu l-piena kkunsidrat u ddeċiediet:

*'Illi in propositu ghal piena, il-Qorti tosserva li r-reat huwa wiehed gravi, stante li n-negligenza u l-inkuranza kriminuza da parti tal-imputat kienet kagun tal- mewt ta' persuna. Minn naha l-ohra, pero' l-Qorti ma tistax tinjora l-eta' tal- imputat, kif ukoll il-fatt li ghandu fedina penal nettissima tieghu. Ghaldaqstant thoss li filwaqt li ghandha timponi piena karcerarja, din ghandha tkun sospiza ghal perijodu adegwat.*

*Inoltre, il-Qorti thoss li ghandha timponi fuqu l-iskwalifika tal-licenzja tas- sewqan ghal certu tul ta' zmien bl-isperanza li matul dan il-perijodu l-imputat jirrefletti ahjar fuq l-importanza tal-obbligu li ghandu sewwieq li jkun qed isuq vettura fit-triq li jghamel dan b' mod diligenti u in piena osservanza tar- regolamenti tat-traffiku.*

***Multo Magis fiz-zminijiet tal-lum meta t-traffiku qed jizdied kontinwament u b' mod konsiderevoli b' aktar riskju ghall-pedoni. Din is- sitwazzjoni fit-toroq timponi fuq is-sewwieqa osservanza tar-regolamenti aktar rigida u esercizju ta' diligenza aktar strett.***

***(...)***

*Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kap.9 u tikkundannah ghall-**piena ta' prigunerija ghal zmien ghoxrin xahar, sospiza ghal tlett snin** a tenur tal-Artikolu 28A tal-kap.9.*

*Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari l-import tal-imsemmi Artikolu 28A Kap.9*

*Di piu' **tiskwalifikah** milli jzomm jew ikollu licenzja tas-sewqan ghal **zmien tlett snin**.*

[76] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Settembru 2001 (Kump. 17/00)

*Ma ssibux hati tal-kumplament tar-reati li gew addebitati lilu, u tilliberah minnhom.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carlo Ellul) vs Francis Vella'**[77] il-Qorti dwar piena qieset il-kontributorja u qalet:

*'Il- kontributorjeta' ta' George Cutajar trid tigi riflessa fil- piena. L- akkuzat qed jigi misjub hati li ma zammx 'a proper look out' u ta' sewqan negligenti ghax ma zammx il- prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s- sinistri stradali. Ma hemmx sewqan bla kont jew sewqan perikoluz. Hemm ksur tar- regolamenti tat- traffiku.*

*Rat l- artikolu 225, 30 (l)(b) u 17 tal- Kapitolu 9 u l- artikoli 15(l) tal- Kapitolu 15.*

*Tikkundanna l- hati hames mitt lira maltija (Lm 500) multa. Rat it- talba tal- prosekuzzjoni a tenur ta' l- artikou 15(3) tilqaghha u tiskwalifika lill- hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas- sewqan ghal zmien tmint ijiem minn ghada.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Kevin J. Farrugia vs Ludwig Micallef'**[78] ġie kkunsidrat li '*L-appellant ghandu fedina penali nadifa u jidher li din hija l-ewwel darba li kiser difru mal-Ligi, mhux il-kaz li jintbaghat il-habs sabiex jirriforma ruhu. Ma jidhirx li hemm xi haga x'jigi riformat u ma hemmx dubju illi l- konsegwenzi tas-sewqan tieghu ser ikunu rimors ghalih li jrid jibqa' jghix bih tul hajtu kollha. Din hija piena fiha nnifisha u l-ebda perjodu l-habs ma jista jikkancella dan il- fatt. F'kazijiet ta' omicidju involontarju l-Qrati taghna kienu dejjem lesti jikkundanaw l-azzjoni imma meta tigi sabiex tikkundanna l-persuna, dejjem raw ic-cirkostanzi partikolari ta' dak li jkun u kemm il-persuna kienet propensa lejn il-kriminalita jew ma kinetx. F'dan il-kaz il- Qorti hija sodisfata illi l-appellant m'huwiex xi kriminal. Dan kien*

[77] Deciza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Marzu, 2006

[78] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali numru: 378/2012)

*incident sfortunat illi halla konsegwenzi tragici izda biex issir gustizzja l-Qorti ma jidirlhiex illi ghandha tmur ghal-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva.*'

Fil-każ odjern, il-fedina penali tal-appellant hija kważi netta, għajr għal li fl-istess sena tal-inċident in kwistoni senjatament fl-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa (2005) l-appellant naqas milli jara li l-liċenzja tkun mwaħħla man-naħa tax-xellug tal-windscreen u saq vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma kelliex liċenzja. Għal dan kien ingħata R&A.

Għalkemm kif ġie kkunsidrat kien hemm kontributorjeta' da parti tal-parti leża meta naqas milli jaqsam minn fuq il-pedestrian crossing li kienet fil-viċinanzi, din il-kontributorjeta ma kinitx ir-raġuni esklussiva tal-inċident u għalhekk l-inċident setgħa jiġi evitat li kieku l-appellant kien qiegħed iżomm *proper look out* u li kieku ma kienx iqiegħed isuq b'mod eċċessiv, negliġenti, bla kont u perikoluż.

Għalkemm il-piena stabbilita' mill-Ewwel Qorti hija entro l-limiti tal-liġi, din il-Qorti tenut kont li anke mix-xhieda tal-psikologa Dr Valentina Bezzina irriżulta li l-appellant jaf is-serjeta' tal-akkadut tant li daħal f'*trauma* u dan l-akkadut affetwalu ħajtu u tenut kont tal-kontributorjeta tal-parti leża, din il-Qorti ma jidhirliex li għandha tmur għall-estremi tal-Liġi u taplika l-piena ta' priġunerija effettiva.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell in parti, billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet ħtija tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra l-appellant, tvarjaha inkwantu tikkoncerna l-piena fejn filwaqt illi tħassarha fejn ikkkundannat l-appellant tnejn u tletin (32) xahar prigunerija effettivi u minflokk tikkundanna lill-appellant għal sentejn priġunerija u bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kodici Kriminali dan il-perjodu qiegħed jiġi sospiż għal żmien tlett snin mill-lum.**

**Tikkonfermaha fejn iskwalifikat lil appellant minn kull liċenzja tas-sewqan tal-appellant għal perjodu ta' erba' snin.**

**Dwar l-ordni ta' konfiska tal-vettura Peugeot bin-numru ALI 519 favur il-Gvern ta' Malta favur l-Gvern ta' Malta jinghad li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-appellant kien pprezenta rikors fl-atti fejn talab ir-rilaxx taghha u dan fit- 18 ta Gunju, 2016 (fol. 270) fejn l-ewwel Qorti kienet talbet notifika ta' dan ir-rikors lill- kummissarju tal-Pulizija. Il-Kummissarju tal-puliija ppreeznta ir-risposta tieghu nhar it-30 ta' Gunju, 2016 ( fol. 272) fejn iddikjara li ma kellux oggezzjoni ghal tali talba peress li l-esamijiet fuq il-vettura kienu kollha saru ghalhekk ighid li ma kienx hemm aktar bzonnha. Dik il-Qorti kienet in segwitu laqghet it-talba tal-appellant u b'digriet taghha tal-4 ta' Lulju, 2016 kienet ordnat ir-rilaxxx taghha favur l-appellant bla ebda riserva. Illi ghalhekk, illum din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza fuq din l-istess vettura peress li m'ghadhiex tifforma parti mill-atti procceswali. L-ewwel Qorti ghahekk ma setghtx tordna konfiska tal-vettura lanqas ghaliex kienet gja ordnat ir-rilaxx taghha antecedenement u dan bla riserva. Ghalhekk din l-Qorti qed tvarja is-sentenza appellanta ukoll f'dan ir-rigward fejn kient ordnat il-konfiska taghha u minflokk tordna ir-rilaxx tal-vettura ttal-ghamla Peugeot 207 numru ta' registrazjoni ALI- 519 f'idejn l-appellant.**

**Tikkonfermaha ukoll dik l-parti tas-sentenzaa moghtija mill-ewwel Qorti fejn ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjeż tal-esperti, u ghal dan il-ghan tordna notifika ta' din is-ssentena lid Direttur tal-Qorti Kriminali sabeix jiehu hsieb jigbor dawn lispejjez li ghandhom jithalsu appena l-appellant jigi mitlub ihallshom mill-Qorti. .**

**Din il-Qorti tabraċċa u tagħmel tagħha r-rakomandazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex il-leġislatur jikkunsidra l-introduzzjoni ta' 'Pedestrian Offences' u dan fl-ambitu tal-Highway Code innifsu li jimponi obbligi mhux biss fuq is-sewwieqa iżda anke fuq pedestrians li jkunu qegħdin jużaw it-triq. Din il-Qorti tissuġerixxi li għandu jkun hemm sanzjonijiet għal persuni li jagħżlu li jaqsmu minn punt partikolari ta' triq nonostante li jkun hemm pedestrian crossing jew punt aktar sikur minn fejn taqsam.**

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur